MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 252/2006

**Maria Assunta sive Mary Portelli**

***kontra***

**John Buhagiar ;**

**Anthony Buhagiar u b`digriet tat-18 ta` Dicembru 2009, l-atti kollha f`isem Anthony Buhagiar gew assunti minn Jane Farrugia xebba Buhagiar ;**

**Saviour Buhagiar ;**

**Innocent Buhagiar ;**

**John Zammit ;**

**Joseph Zammit u**

**Ronald Zammit**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta` Marzu 2006 li jaqra hekk –

*1. Illi Joseph Buhagiar miet fit-2 ta` April 1993 u Michelina Buhagiar li mietet fis-7 ta` Dicembru 1999 ;*

*2. Illi l-esponenti Mary Portelli u l-konvenuti John, Anthony u Saviour ahwa Buhagiar huma wlied l-imsemmija Joseph u Michelina konjugi Buhagiar, filwaqt li l-konvenuti l-ohra ahwa Zammit huma wlied il-mejta ohthom Michelina Buhagiar ;*

*3. Illi l-imsemmi Joseph Buhagiar ghamel testment unica charta fl-atti tan-Nutar Nicola Said tal-ghoxrin (20) ta` Mejju tas-sena elf disgha mija u tliet u tmenin (1983) u li permezz tieghu halla bhala eredi lill-uliedu f`sehem ugwali bejniethom ta` wiehed minn sitta (1/6) kull wiehed u halla diversi prelegati ;*

*4. Illi Michelina Buhagiar ghamlet testment unica charta fl-atti tan-Nutar Nicola Said tal-20 ta` Mejju 1983 li sussegwentement gie revokat, kif ukoll tlett testmenti sigrieti pubblikati min-Nutar Mario Bugeja fid-9 ta` Mejju 2000, u minn Nutar Francis Micallef fis-27 ta` Gunju 2000 u li permezz taghhom halliet diversi prelegati u bhala werrieta taghha lill-kontendenti f`sehem ugwali bejniethom f`wiehed minn sitta (1/6) kull wiehed mill-ahwa Buhagiar u r-rimanenti wiehed minn sitta (1/6) biex jinqasam bejn l-ahwa Zammit ;*

*5. Illi l-esponenti trid li jinqasam il-wirt u ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati imhollija mit-testaturi ;*

*6. Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati u l-qsim tal-wirt, baqghu inadempjenti ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi :*

*1. Tordna l-hlas u l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati li thallew rispettivament minn Joseph u Michelina konjugi Buhagiar ;*

*2. Tillikwida l-komunjoni ta` l-akkwisti li kienet tezisti bejn Joseph u Michelina konjugi Buhagiar ;*

*3. Tordna d-divizjoni tal-assi komunitarji f`zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda mill-assi partikolari ta` Joseph Buhagiar u l-ohra lill-assi partikolari ta` Michelina Buhagiar ;*

*4. Tillikwida l-assi partikolari ta` Joseph Buhagiar u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni ta` l-akkwisti lilu assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza ;*

*5. Tillikwida l-assi partikolari ta` Michelina Buhagiar u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni ta` l-akkwisti lilha assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza ;*

*6. Tiddividi l-gid kollu in kwantu ghas-sehem spettanti lil Joseph Buhagiar u ghas-sehem spettanti lil Michelina Buhagiar bejn il-kontendenti f`dawk l-ishma li jispettaw lillhom skond ma nghad hawn fuq ;*

*7. Tinnomina jekk ikun hemm bzonn perit tekniku ghal finijiet ta` likwidazzjoni tal-beni ;*

*8. Tordna l-bejgh b`licitazzjoni ta` dak kollu li m`huwiex kommodament divizibbli ;*

*9. Tinnomina nutar u kuraturi ghall-eventwali kontumaci sabiex jigu ppubblikati l-atti relattivi inkluzi dawk ta` l-immissjoni fil-pussess.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti John Buhagiar, Joseph Zammit u Ronald Zammit prezentata fis-21 ta` April 2006 li taqra hekk –

*1. Illi huwa u hutu fuq imsemmija ilkoll ahwa Zammit ghadhom u dejjem kienu disposti illi jaslu ghad-divizjoni tal-assi ereditarju tan-nanniet materni taghhom Joseph u Michelina gia konjugi Buhagiar kif ukoll illi jimmittu fil-pussess lill-prelegatarji u lill-legatarji tal-imsemmija ereditajiet – filwaqt illi, naturalment, jigu immessi huma stess fil-pussess tal-prelegati imholli lilhom;*

*2. Illi, ghal dak illi jirrigwarda il-fatti esposti mill-attrici fir-rikors taghha, kif korraborati bid-dokumenti minnha esibita, huwa m`ghandhomx xi jzidu ma dak illi intqal mill-istess attrici;*

*3. Salv sottomissjonijiet u argumenti ulterjuri li jingiebu f`istadju ulterjuri jekk ikun hemm bzonn.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn dawn il-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Anthony Buhagiar prezentata fil-31 ta` Mejju 2006 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok ma huwiex minnu li l-esponenti kien inadempjenti sabiex jersaq ghall-immissjoni fil-pussess u likwidazzjoni u divizjoni tal-assi tal-ġenituri tant li kien hu li interpella lir-rikorrenti f`dawn il-proceduri sabiex tersaq ghal dina d-divizjoni izda hija minflok ippresenta l-proceduri odjerni ;*

*2. Illi l-esponenti jissottometti illi qabel ma tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Joseph u Michelina Buhagiar ghandu jigi stabbilit bil-preciz x`inhuma l-assi ereditarji tal-genituri taghhom li ghandhom jinkludu kemm l-assi immobbiljari bit-titoli u pizijiet rispettivi taghhom, jekk dawn jezistu, kif ukoll dawk mobbiljari kollha u dan peress li l-esponent mhuwiex qieghed jaqbel mad-dokument MP13 ippresentat mir-rikorrent ;*

*3. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha ssir il-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji kollha tal-genituri taghhom u dan skond l-ahhar xewqat taghhom kif mfissra fit-testmenti ppresentati mir-rikorrenti wara li tingieb debita konferma li dawk huma l-unici esistenti u ghalhekk hemm qbil li jkun mahtur perit tekniku jekk dan jkun mehtieg f`kaz li ma jkunx hemm qbil dwar l-assi ereditarji u l-valur rispettiv taghhhom ;*

*4. Illi dwar kif ghandhom jigi divizi l-assi partikolari tal-genituri tieghu, l-esponenti jissottometti illi tali divizjoni ghandha ssir skond il-ligi wara li jigi stabbilit bl-ezatt x`kellhom individwalment il-konjugi Joseph u Michelina Buhagiar ;*

*5. Illi l-esponenti ma ghadu ebda oggezzjoni ghat-tmiem u d-disa talbiet, izda l-proceduri ta` licitazzjoni ma ghandhomx jigu estizi ghal terzi li jkunu jistghu, jekk iridu, jippartecipaw f`tali proceduri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn dan il-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Innocent sive Censu Buhagiar, Saviour sive Salvu Buhagiar, u John sive Ganni Buhagiar prezentata fil-5 ta` Gunju 2006 li taqra hekk –

*1. Illi l-eccipjenti jaqblu mal-paragrafi enumerati min-numri (1) sa (4) fil-premessi tar-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-27 ta` Marzu 2006 li bih hija ntavolat l-atti tal-kawza bir-referenza u bl-ismijiet fuq citati hlief li fil-paragrafu (2) ghandu jissemma Innocent Buhagiar ;*

*2. Illi anki l-eccipjenti jridu li ssir il-likwidazzjoni ta` l-assi ereditarji tat-testaturi genituri mejtin tal-partijiet, l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati u legati mhollija u li jigu divizi w assenjati l-ishma rispettivi ta` l-eredi w anke ghamlu l-almu taghhom sabiex iressqu lill-partijiet kollha lejn dan l-istess skop ;*

*3. Illi l-eccipjenti jirrimettu rwiehhom ghas-savju u superjuri gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti ghal dak li jirrigwarda t-talbiet min-numri (1) sa (9) imressqa fir-rikors guramentat fuq imsemmi, stante li huma zgur ma joggezzjonawx ghal-likwidiazzjoni, immissjoni fil-pussess tal-prelegati u legati mhollija, divizjoni u finali assenjazzjoni tal-porzjonijiet li jmissu lill-werrieta bhala sehemhom mill-assi ereditarji kollha tal-mejtin genituri tal-partijiet f`din il-kawza, Joseph u Michelina konjugi Buhagiar, wara li l-eccipjenti konsistentement ipperseveraw ma` l-attrici u l-konvenuti l-ohra sabiex*

*bonarjament u amikevolment jaslu ghall-istess likwidazzjoni, immissjoni fil-pussess, divizjoni u assenjazzjoni, izda l-attrici baqghet ma wrietx fil-buona volonta` sabiex tasal ghal ftehim ;*

*4. Illi minn dan isegwi ghalhekk li l-eccipjenti m`ghandhom isofru ebda spejjez peress illi huma ghamlu l-almu kollu taghhom ma l-atrici ohtohom Maria Assunta sive Mary Portelli sabiex jintlahhaq ftehim bonarju kif fuq inghad b`hekk jigu evitati spejjez gudizzjarji.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn dawn il-konvenuti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-8 ta` Gunju 2006 fejn hatret lill-Perit Alan Saliba bhala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-attrici u ta` Carmelo Portelli u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Audrey Ghigo u tal-Perit Edgar Caruana Montalto fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentatai fl-istess udjenza.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-Perit Alan Saliba, u li halef quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Frar 2007.

Rat l-atti li l-perit tekniku pprezenta flimkien mar-relazzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut Innocent sive` Vincent sive` Censu Buhagiar tal-5 ta` Marzu 2007 u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta` April 2007 fejn laqghet it-talba tal-konvenuti John Buhagiar, Salvu sive` Saviour Buhagiar u Innocent sive` Vincent sive` Censu Buhagiar sabiex jinghataw il-fakolta` li jressqu l-provi taghhom, anke permezz ta` affidavits qabel ma jsir l-ezami tar-rapport peritali, u qabel mal-Qorti tistabilixxi jekk il-fond 24, Pjazza tal-Knisjaa, Mqabba, ghandux ikun valutat bhala battal kif ighid il-perit tekniku.

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici u d-dokumenti li kienu prezentati mal-istess.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat l-attrici fil-15 ta` Ottubru 2007.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Innocent sive` Vincent sive` Censu Buhagiar, ta` Saviour sive` Salvu Buhagiar u ta` John sive Ganni Buhagiar kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` John Zammit u ta` Anthony Buhagiar.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Perit Alan Saliba u tal-kontroezami ta` Mario Portelli fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Carmelo Portelli u ta` Joseph Zammit fl-udjenza ta` t-28 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` Gunju 2009 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Schembri Gonzi sabiex tisma` l-kontroezamijiet ta` dawk ix-xiehda li d-difensuri tal-konvenuti ddikjaraw li riedu jaghmlu (ara fol 407).

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2009 fejn *inter alia* l-Qorti kienet infurmata li l-konvenut Anthony Buhagiar miet fil-mori tal-kawza u ghalhekk kellha ssir il-legittimazzjoni tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-proceduri li kienu kondotti mill-Assistent Gudizzjarju, inkluzi l-provi li ngabru.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2012 fejn issospendiet l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju u ordnat li l-konvenut Salvu Buhagiar jiddeponi quddiemha.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Salvu Buhagiar fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2012 u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud. Semghet ukoll l-istess xhud fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2013.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dottor Mario Bugeja fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2013.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat l-attrici fit-3 ta` Mejju 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Jannar 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. **Provi**

**L-attrici** xehdet li hija wahda mit-sitt ulied tal-mejtin Joseph u Michelina Buhagiar. Meta kienet sejra tizzewweg, kienet ser tibda tfittex fejn toqghod, izda l-genituri taghha nsistew maghha biex tibqa` toqghod maghhom u tiehu hsiebhom. Dak iz-zmien missierha kellu 73 sena u ommha kellha 66 sena. Il-genituri taghha tant ma ridux joqghodu wahidhom li kienu weghduha li jekk tiehu hsiebhom, kienu jaghtuha d-dar wara mewthom. Accettat u ghexet ma` zewgha fid-dar tal-genituri taghha. Wara xi tmien snin zwieg, hi u zewgha nfurmaw lill-genituri taghha li kienu ser ifittxu fejn jibnu. Il-genituri taghha offrew li jikrulhom il-fond 34, 35 u 36, Pjazza tal-Knisja, Mqabba. Fi Frar 1986 sar kuntratt ghand in-Nutar Nicola Said fejn kienet stabbilita kera ta` Lm50 fis-sena u li l-genituri kellhom dritt joqghodu fid-dar sa mewthom. Il-kera dejjem thallset. Hija baqghet tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-genituri taghhom. Missierha kien ibati bl-artrite ; hi jew uliedha kienu jghinuh biex iqum u jimxi. Hi kienet kienet taghmel il-facendi kollha tad-dar, kif ukoll ix-xiri ta` kuljum. Wara li zzewget, il-genituri kienu jistriehu fuqha, specjalment meta bdew dehlin fiz-zmien. L-attrici tghid li kienet tahsel u tlibbes lil missierha wkoll.

**L-attrici** qalet illi hi u l-familja taghha kemm-il darba kien ikollhom jieqfu hesrem minn dak li jkunu qed jaghmlu u jmorru jghinu lill-genituri taghha. Mhux l-ewwel darba li l-genituri taghha kienu jaqghu minhabba problemi ta` pressjoni u zokkor. Meta ommha kien ikollha bzonn tmur l-isptar, kienet il-familja taghha li kienu jakkumpanjawha u jaraw xi tkun tehtieg. Tiddeskrivi sitwazzjoni fejn ommha kellha ferita kbira taz-zokkor f`saqajha li damet ma fieqet. In-nurse tal-MMDNA kienet tmur kuljum biex taghti t-tiltqiba ta` l-insulina lil ommha u hija kienet ghalhekk tipprepara lil ommha ghal dik il-vizta ta` kuljum. Il-genituri taghha kellhom ghomor twil li lahaq id-90 sena ; aktar ma bdew jikbru fl-eta`, il-htigijiet taghhom kienu jikbru wkoll. Kienet tbati hafna biex tqajjimhom mis-sodda jew biex iddawwarhom fis-sodda minhabba l-piz. Ommha kienet tattendi regolarment l-isptar bhala *outpatient.* Hija kienet tmur maghha fil-coach ta` l-isptar li kienet tmur ghalihom kull gimgha. Din ir-rutina baqghet ghaddejja ghal seba` snin shah. Kien hemm

sentejn minnhom, fejn l-appuntament ta` l-isptar kien ikun sahansitra ta` darbtejn fil-gimgha. Il-familja taghha kienet tbati peress li hi kienet tkun impenjata bil-bzonnijiet tal-genituri.

**L-attrici** tghid li d-dar fejn kienet tghix mal-genituri taghha dejjem hadet hsieb li zzommha fi stat tajjeb. Meta l-genituri taghha kienu ghadhom hajjin, ghamlet hafna xoghol inkluz ta` manutensjoni : fosthom bini ta` kamra tal-bejt, tibjid, tikhil, katusi ta` drenagg, madum, restawr ta` faccata, tiswija ta` gallarijiet ta` l-injam, thallib tal-bjut, twieqi u bibien, bdil taz-zewg kmamar tal-banju, ibbattmar tal-bir u dawl u ilma gdid. Dawn ix-xogholijiet kienu kemm ordinarji kif ukoll straordinarji. Hallsu ghalihom hi u zewgha minn flushom ; hlief ghal okkazjoni wahda meta ommha hallset nofs l-ispejjez tar-restawr tal-faccata. Id-dar ma kinitx tkun fl-istat li qeghda fil-prezent li kieku hi u zewgha ma nafqghux flus fiha. Nefqu `l fuq minn Lm8,000. Dejjem kellha mohha mistrieh li dak li qed taghmel fid-dar kienet ser tgawdih hi peress li d-dar fl-ahhar mill-ahhar kienet ser tkun taghha wara l-mewt tal-genituri taghha. Kien ghalhekk li kemm missierha u kif ukoll ommha hallewlha prelegat ta` Lm400 kull wiehed. Dak il-hsieb kienu gia` urewh meta kienu krewlha d-dar u fejn kienu rrikonoxxew li sal-1986, hija kienet gia` inkorriet Lm1,000 fuq xogholijiet fid-dar. Meta huma krew id-dar, ma kenitx kollha lesta. Lanqas kien ghad kellha l-kamra tal-banju ; u d-dawl u ilma kien qodma hafna. Hi dejjem hallset il-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma ; kien hemm meter wiehed.

**L-attrici** kompliet tghid illi fit-2 ta` April 1993, miet missierha fl-eta ta` 90 sena. Sa 11-il gurnata qabel miet kien ghadu jghix maghhom id-dar izda in segwitu kellu jittiehed l-isptar fejn miet. Ommha baqghet hajja sitt snin wara l-mewt ta` missierha u ghexet sa ghomor ta` 90 sena. Baqghet tiehu hsieb lil ommha sa mewtha. Meta saru r-ricerki testamentarji, sabet diversi testmenti. Fir-rigward ta` missierha, kien hemm testment unica charta fl-atti tan-Nutar Nicola Said ta` l-20 ta` Mejju 1983 mentri fir-rigward ta` ommha, kien hemm tliet testmenti sigrieti.

**L-attrici** sostniet li mal-mewt ta` missierha, hutha kienu nsistew ma` ommha biex ma tibqax taccetta l-kera minghandha. Ghalhekk l-attrici bdiet tqieghed il-kera l-Qorti. Meta mietet ommha wkoll, hija kemm-il darba kitbet lil hutha bl-avukat sabiex jersqu ghall-qasma tal-wirt izda huma baqghu dejjem jittratjenu. Talbithom kemm-il darba jaghtuha rendikont ta` dak li kienu qed jaghmlu bil-flus tal-genituri taghha izda dawn qatt ma tawha risposta. Fl-1999/2000, hi u hutha kienu resqu ghal *causa mortis* tal-genituri taghhom. Il-hlasijiet kollha li saru fir-rigward taz-zewg atti saru minn flus il-genituri taghha minkejja li fil-kaz tal-wirt ta` ommha, dak li kien dovut minnha ghall-*causa mortis* kien jammonta ghal Lm42 mentri ta` huha Anthony u John kien jammonta ghal Lm199.50c, ta` huha Saviour ghal Lm182 u ta` huha Vincent ghal Lm252. Wara l-*causa mortis*, il-Gvern baghat lill-Perit Caruana Montalto biex jaghmel valutazzjoni tal-proprjetajiet denunzjati. Il-perit ikkonferma li l-valuri moghtija ghall-post ta` Church Square, Mqabba kienu valuri reali.

**L-attrici** kompliet tixhed li wara li kienu ghaddew 13-il sena mill-mewt ta` missierha, u kwazi 7 snin mill-mewt ta` ommha, hija ddecideit li taghmel din il-kawza peress li hutha urew li ma riedux jersqu ghad-divizjoni. Cahdet li hutha ppruvaw jaghmlu minn kollox biex dan il-kaz jigi rizolt bonarjament.

Dwar il-prestazzjonijiet li ghamlet mal-genituri taghha, **l-attrici** pprecizat illi ohtha Michelina Zammit kienet izzewwget u telqet mid-dar u ghalhekk l-ghajnuna fid-dar kienet mill-ewwel waqghet fuqha. Huma kienu erba` subien u zewgt ibniet. Qabel iz-zwieg taghha, l-attrici kienet tmexxi hanut tal-grocer li kellha ommha f`parti mid-dar 34, Pjazza tal-Knisja, Mqabba. Il-qliegh kien imur kollu ghand ommha. Meta zzewwget fl-1975, il-genituri taghha kienu diga` anzjani sew u ghalhekk minhabba li kienu drawha tiehu hsiebhom, huma riduha tibqa` tghix maghhom biex tkompli tiehu hsiebhom. Accettat izda peress li riedet tiehu hsieb lil zewgha u l-familja taghha wkoll, ghalqet il-hanut ta` ommha.

Fissret li wara li zzewwget baqghet tiehu hsieb aktar l-indafa fid-dar u l-qadi kollu li kien mehtieg. Kienet taghmel ix-xiri ta` kuljum u kif ukoll il-qadi tal-genituri barra r-rahal. Meta ohtha mietet fl-1978 hadet hsieb ukoll it-tlitt

itfal taghha li dak iz-zmien kienu ghadhom zghar. Biex tlahhaq kienet tqum kuljum mal-4.00 a.m. biex thejji l-affarijiet ghat-tfal u ghar-ragel ; imbaghad kienet tiddedika ruhha ghall-bzonnijiet ta` ommha u ta` missierha. Fil-5.00 a.m. kienet tinzel fejn il-genituri taghha u taghtihom it-te fis-sodda u imbaghad x`hin iqumu, kienet tahsilhom u tghinhom jilbsu. Ommha kellha xagharha twil u kienet tahsilulha hi peress li idejn ommha ma kinux ghadhom jifilhu. Kienet tnaddaf il-kamra tas-sodda taghhom ta` kuljum.

Qalet illi wara li kienet titlaq in-nurse tal-MMDNA, kienet tahsel il-hwejjeg tal-genituri taghha u tal-familja taghha peress li ommha ma kienx ghad fadlilha sahha f`idejha biex taghsar. Anke l-hasil ta` l-art kienet taghmlu hi wahedha. Kienet tiehu lil missierha fid-dar l-ohra 51, Hospital Alley, Mqabba u peress li kellu xi annimali bhal hamiem, tigieg, fniek u zewgt iklieb. Meta ma kinitx tkun tista` twasslu hi, kienu jmorru uliedha. Meta missierha ma kienx jiflah aktar, kellha tiehu hsieb dawk l-annimali hi ; kienet tmur siegha filghodu u siegha filghaxija titma lill-annimali u tnaddfilhom. Ghad illi hutha kienu kollha midhla tal-kacca u ta` l-ghelieqi, qatt ma ghenu jew hadu hsieb dawk l-annimali.

Stqarret li kienet iggib qassis darba fil-gimgha biex il-genituri taghha jqerru u jitqarbnu ; kif ukoll tabib darba fil-gimgha biex jinviztahom. Fil-kaz tal-omm, it-tabib kien inizzel fuq ktieb li kien jinzamm fuq il-komodina halli b`hekk l-infermiera tkun taf x`doza ta` insulina trid taghti. Wara li miet missierha, ommha ma ridietx torqod aktar wahedha u spiccat torqod maghha. Kollox baqghet taghmel hi ghaliha hlief meta ghamlet operazzjoni f`irkoppitha, meta talbet lil Censu biex imur ma` ommu darbtejn l-isptar. Kienet tixtri rigal lill-infermiera, u gieli anke hallset lit-tabib minn flusha.

Fil-**kontro-ezami**, l-attrici xehdet li l-ircevuti huma kollha ffirmati minn missierha. Ommha qatt ma ffirmat ricevuti. L-attrici kkonfermat li l-ispejjez li saru dejjem saru bil-kunsens ta` ommha.

**Carmelo Portelli** – ir-ragel tal-attrici - ikkonferma kull ma xehdet l-attrici. Dwar il-kirja tad-dar 34, 35, u 36 (illum 23, 24 u 25) Church Square, Mqabba, ix-xhud qal li l-ġenituri tal-attrici kienu avvicinawh fis-sena 1983/1984 bil-għan li jikrulu d-dar tagħhom. Huwa accetta. Il-ġenituri ta` l-attrici kienu nsistew li d-dar kienet ser tithalla lilhom. Kienu nsistew ukoll li hu u l-familja kellhom jibqgħu jgħixu magħhom halli jgħinuhom fil-bzonnijiet tagħhom. Fil-11 ta` Frar 1986, missier l-attrici hadu għand in-Nutar Nicola Said sabiex isir il-kuntratt tal-kirja tad-dar bil-kundizzjoni li l-ġenituri tal-mara tiegħu jibqgħu jgħixu hemmhekk. Il-kera kellha tkun ta` Lm50 fis-sena. Saret għal 15-il sena pero` bis-sahha tal-ligi, il-kirja baqgħet tiggedded. Hu u l-attrici zzewwgu fl-1975. Sal-1986 għamlu spejjez fid-dar : fosthom hallsu għall-bini ta` kamra tal-bejt u tlett bibien tal-hadid tal-bejt ; erbat itwieqi tal-hadid u kamra tal-banju ; u d-dawl u l-ilma. Fil-kuntratt tal-kirja, tnizzel li huma kienu nefqu Lm1,000 benefikati. Hu u martu hadu hsieb ihallsu l-ispejjez li jkunn hemm bzonn. Il-ġenituri ta` l-attrici qatt ma hallsu hlief darba wahda biss meta omm l-attrici hallset nofs l-ispejjez tar-restawr tal-faccata tad-dar. Id-dar ma kinitx tkun fl-istat li tinsab fiha prezenzjalment li kieku huwa ma hax hsieb. Inkorra spiza ta` Lm8,000.

**Carmelo Portelli** kkonferma li huwa dejjem hallas il-kera fil-pront u hekk għadu jagħmel. Hu u martu kienu jhallsu l-ispejjez kollha tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Wara li miet missier l-attrici, hutha bdew jagħmlu pressjoni fuq l-omm biex ma tibqax taccetta l-kera. Billi l-omm bdiet tirrifjuta l-kera, bdew iqegħdu l-kera l-Qorti.

Fil-**kontroezami**, Carmelo Portelli xehed li martu ma kinitx prezenti meta mar ma` missier il-mara għand in-nutar. Huwa spjega li ftiehem dwar il-kera mal-ġenituri tal-mara. Il-proprjetajiet ta` Church Square Mqabba ġejjin mill-wirt ta` omm il-mara tiegħu. Dawk il-proprjetajiet thallew bi prelegat lil martu u lill-ahwa Zammit. Ir-ricevuti tal-kera kienu ffirmati minn missier il-mara. Ix-xogħlijiet li kienu necessarji li jsiru fil-post saru wara li saret il-kirja izda ma kien sar l-ebda ftehim dwar kumpens. Wara l-mewt ta` missier il-mara, omm il-mara kienet accettat il-kera izda ftit jiem wara tagħtu l-kera lura għax

uliedha ma riduhiex taccetta l-kera. In segwitu ma baqax joffrilha l-kera u beda jqieghed il-kera l-Qorti.

**Audrey Ghigo** mill-HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-kont bin-numru l-gdid 0780046601000 kienet intestat f`isem Joseph Buhagiar. Sat-12 ta` Awissu 2005 kien hemm Lm1,714.95 inkluzi l-imghaxijiet. Il-kont bin-numru l-gdid 078004660050 intestat f`isem Joseph Buhagiar kellu bilanc ta` Lm345 sat-13 ta` Ottubru 2006 li kien jinkludi l-imghax. Il-kont numru 03318707100 huwa *fixed* b`bilanc ta` Lm276.32c li ghalaq fit-12 ta` Lulju 2007. Il-bilanc f`dak il-kont kien ta` Lm283.02. Il-kont numru 033187071 ghandu bilanc ta` Lm1,381.77 u jaghlaq fil-31 ta` Jannar 2007. Il-kont 078004686050 infetah fis-7 ta` Frar 1985 bhala savings account. Ghandu bilanc ta` Lm824.50c u qieghed f`isem Michelina Buhagiar. Il-kont bin-numru 078004686100 ghandu bilanc ta` Lm944.08 u jaghlaq fl-10 ta` Mejju 2007 mentri l-kont bin-numru 078004686101 ghandu bilanc ta` Lm2,026.43 u jaghlaq fil-21 ta` Gunju 2007.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjegat li *bank statement* qabel l-1993 ta` John Buhagiar ma jistax jigi esebit ghaliex ikunu *destroyed.* Ipprezentat kopja tal-*bank statement* tal-kont numru 02318771100 f`isem Mikeina Buhagiar mill-11 ta` Lulju 1994 sal-11 ta` Lulju 2001 ; *bank statement* tal-kont numru 023187071101 mill-10 ta` Frar 1995 sal-31 ta` Jannar 2002 ; *bank statement* tal-kont numru 078004686100 mill-20 ta` Mejju 1995 sal-20 ta` Mejju 2000 ; *bank statement* tal-kont numru 070004686101 mill-1 ta` Jannar 1995 sal-21 ta` Gunju 2001 ; u *bank statement* tal-kont numru 078004 686050 mis-17 ta` Jannar 1997 sas-17 ta` Lulju 2001. Ikkonfermat li kien hemm prokura fl-atti tan-Nutar Nicola Said tad-9 ta` Lulju 1983. Dwar il-kont numru 078004686050 kien hemm prokura ta` Michelina Buhagiar a favur ta` Anthony Buhagiar biex jittiehdu l-interessi biss.

**Perit Edgar Caruana Montalto** xehed illi ma ghadux perit tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Meta talab il-files dawn ma nghatawx lilu. Kull ma kellu fil-pussess tieghu huma l-valuations tieghu. Il-valuation kienet saret meta kien ghamel site inspection fit-18 ta` Jannar 2002 fit-8.30 a.m. Il-Perit qal

li huwa ra 34/35 Church Street Mqabba – valur ta` Lm4,000 ; 36 Church Street Mqabba – valur ta` Lm4,000 ; 51 Hospital Alley Mqabba – valur ta` Lm2500 ; ghalqa Tal-Misrah ix-Xoffi fil-limiti ta` l-Imqabba/Siggiewi kejl ta` 3372 mk – valur ta` Lm2,200 ; ghalqa tal-Imdin f`Siggiewi Road, Imqabba kejl ta` 5058 mk – valur ta` Lm4,500 ; 34, Sqaq Nru 5, Triq il-Fjuri, Imqabba – valur ta` Lm1,200 ; ghalqa tal-Ligeg fil-limiti ta` l-Imqabba/Siggiewi b`kejl ta` 1,700 mk – valur ta` Lm1,500 ; remissa 35, Triq il-Fjuri, Imqabba – valur ta` Lm700 ; u 19 Church Street Imqabba – valur ta` Lm2,200. Bosta minn din il-proprjeta` li kienet indikata lilu li kienet mikrija lil terzi : 34/35 Church Square, Mqabba ; 36, Church Square, Mqabba ; 51, Hospital Alley, Mqabba (free hold izda fi stat perikoluz) ; 34, Sqaq Numru 5 Triq il-Fjuri Mqabba ; remissa, 35, Triq il-Fjuri, Mqabba. Il-fond 19, Church Street Mqabba ma ghadux jezisti peress li llum sar parti mit-triq. Huwa spjega li mhux cert min kien attenda ghal din is-site inspection.

**<u>Il-konvenut Innocent sive Vincent sive Censu Buhagiar</u>** xehed illi huwa jigi r-raba` minn sitt ahwa. Hu u hutu kienu lkoll jiehdu hsieb il-genituri taghhom meta dawn bdew jixjiehu. Ghalkemm kien marbut b`hinijiet tax-xoghol, kien isib hin anke filghodu biex iwassal lil ommu l-Outpatients Department bil-karozza tieghu. Peress li huwa infermier, kien jaghmel hilti kollha biex ifehmha x`kellha bzonn u jara li ma ddumx tistenna. Baqa` jinsisti li anke hutu l-ohra jibqghu jzuru lill-genituri taghhom. Kien jaghtihom affarijiet ta` l-ikel mir-raba` tieghu li jahdem hu stess, kif ukoll kien imur ghandhom f`okkazzjonijiet bhal Jum l-Omm. Li ghamel ghamlu minghajr ma jithallas.

**<u>Innocent Buhagiar</u>** qal li l-attrici qabel izzewwget kienet ghazlet li tieqaf tghin lil ommha fil-hanut tal-merca u ghalhekk ommha kellha taghlaq il-hanut. L-attrici kienet accettat li wara li tizzewweg tibqa` tghix mal-genituri minghajr ma thallas kera. Ghalkemm ma kienx jaf jekk il-meters tad-dawl u l-ilma kinux daru fuq isem ohtu u zewgha, jaf li kienu l-genituri tieghu li kienu jhallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u tat-tiswijiet tad-dar. Jiftakar diskors mill-genituri tieghu fis-sens li z-zewgt idjar 23, 24 u 25, Church Square, Mqabba, jinghataw lill-bniet bhala parti minn sehemhom fil-qasma tal-wirt izda li dan kellu jsir bl-istima ta` perit sabiex is-subien ma jkunux zvantaggjati. Id-djar 23 u 24 Church Square Mqabba kienet mifruda mid-dar 25 b`hajt divizorju li kien jaqsam il-bitha fi tnejn. Dak il-hajt tnehha meta kien ghadu haj missieru, peress

li kien hemm xniegha li it-25 kien ser jigi rekwizizzjonat peress li l-genituri tieghu ma kinux qed jabitaw fih. Ohtu Michelina (illum mejta) kellha diga` fejn toqghod waqt li l-attrici ma kinitx tuza t-25. Anke mill-access deher li t-25 ma kenitx mizmuma tajjeb. Fit-25 kien hemm tibjid u kisi mwaqqa` fl-intrata tad-dar, il-hitan kienu qeghdin jitfarrfru, u ma kienx ghamara.

Dwar il-ftehim tal-kera, **Innocent Buhagiar** xehed illi ommu qatt ma semmietlu li z-zewgt idjar kienu mikrija. Ommu kienet tiftah qalbha mieghu fuq kollox u ghalhekk huwa jghid illi ommu ma kinitx taf bil-kirja. Kieku ommu tassew marret ghand in-Nutar Nicola Said hija kienet issemmi xi haga lilu jew lil hutu l-ohra. Ommu dejjem riedet izzomm bilanc bejn uliedha biex kollox jinqasam indaqs. Fit-testment tal-10 ta` Marzu 1994 id-dar 23 u 24 giet mhollija lill-attrici bhala akkont ta` sehemha bi stima ta` perit arkitett. Ommu qatt ma accettat kera wara l-mewt tar-ragel taghha.

**Innocent Buhagiar** xehed illi meta saru d-dikjarazzjonijiet *causa mortis*, kien jaf li d-dar 23 u 24 Church Square thalliet b`legat lill-attrici. Sa dakinhar ma kienx jaf b`ebda stima ta` perit. Il-valur li hemm mnizzel fid-dikjarazzjoni *causa mortis* sar ghal skop ta` taxxa u bil-hsieb li jigu evitati imghaxijiet fuq dik it-taxxa. Carmelo Portelli kien qed jinsisti maghhom li huwa kellu l-kera tad-dar. Min-naha taghhom hu u hutu kienu ftehmu illi meta ssir il-qasma, issir stima minn perit u d-dar tinghata lill-attrici bil-pussess vakant. L-attrici dejjem qaghdet lura milli tqabbad perit biex jaghti stima u ghalhekk il-qasma ma saritx. Hu u hutu kienu baghtu lill-attrici ittra legali fis-6 ta` Gunju 2005 biex din tressaq proposti, izda l-attrici ma ressqet l-ebda proposta.

**Innocent Buhagiar** qal illi huwa regolarment ihallas il-qbiela ta` l-ghalqa maghrufa bhala `Tal-Baghal` sive `Ta` Pace` fi Sqaq il-Baghal fil-limiti ta` Siggiewi. Meta ommu kienet ghadha hajja, il-qbiela kienet gia` fuq ismu. Il-qbiela tithallas lill-Onor Prim Imhallef Emeritus Dr Joseph Said Pullicino. Meta ommu semmiet dik ir-raba` fit-testment taghha, ma kinitx taf li hi ma kellha xejn minn dik ir-raba`.

Fil-**kontro-ezami**, Innocent Buhagiar spjega li l-fond bin-numru 24 u dak bin-numru 25 kellhom zewg entrati, zewgt ikmamar laterali, zewg turgien, zewgt ibjut u zewg trombi tat-tarag. Il-postijiet kienu distinti minn xulxin u kien jmissu ma` xulxin. Il-bir kien jintuza miz-zewg postijiet. Is-sistema tad-drenagg kienet separata. Iz-zewgt idjar saru wahda peress li tnehha l-hajt li kien jaqsamhom. Ommu, missieru, l-attrici u l-familja taghha kienu lkoll jghixu go dawn il-proprjetajiet. L-istat ta` dawn il-proprjetajiet kien tajjeb. Missieru kien joqghod isfel ; waqt li l-attrici kienet toqghod fuq.

Sostna li kienet ommu li semmietlu l-kera u li qatt ma accettat il-kera peress li skond hu, ommu kienet tghid li hija ma ghandhiex proprjeta` bil-kera. Missieru kien ikun fil-fond 36, u ghalhekk wara li miet missieru, hadd ma baqa` jabita fil-fond 36. Bejn iz-zewg propjetajiet in kwistjoni, l-unici hwejjeg komuni kienu il-bieb u l-bir ; il-bqija kienu ppjanati li jkunu indipendenti minn xulxin. Il-bieb biss u l-bir kien hemm komuni.

Dwar l-ghelieqi, stqarr li dawk kienu kollha ta` ommu. Il-bicca l-kbira tar-raba` kienet tinhadem minnu. Hutu Salvu u Ganni ma kienux jghinu fil-hdim tar-raba` hlief ghal affarijiet zghar. Toni ma kienx jahdimha l-ghalqa maghrufa bhala `Ta` Pace`. Ikkonferma li c-cens ta` Church Square, Mqabba, kien ihallsu Ganni fuq inkariku ta` ommu. Huwa kkontesta t-testment tal-omm fejn kien jirrigwarda l-qasma tar-raba`. Ganni kellu raba` tieghu ; Salvu biegh is-sehem tieghu mill-ghalqa `Ta' Liglig` ; u Toni ghandu raba` fejn ta` Ganni.

Qal li l-ahwa Zammit ma jistghux jidhlu fil-post imholli lilhom ghaliex ma ghandhomx cavetta.

Xehed ukoll illi hu joqghod Hal-Qormi mhux l-Imqabba.

Mistoqsi jekk fiz-zewg postijiet ta` Church Square, Mqabba, kienx hemm zewg kcejjen, huwa spjega li kien hemm wahda fejn kienet tghix ohtu liema kcina kienet tintuza mentri fil-kcina l-ohra, kulma kien hemm bank u forsi kien hemm mejda. F`din it-tieni kcina, la kien hemm cooker u lanqas sink. Wara li mietet ommu, ma marx aktar ghand l-attrici. Ma kienx prezenti meta mar il-perit tal-Gvern. Meta sar l-access mill-perit tal-Qorti, l-attrici ma hallitux jidhol ghandha.

Qal ukoll illi r-raba` `Ta` Liglig` li kien fiha xi tomnejn illum lanqas ghadha tezisti peress li nqalghet u thammlet. Kien xtraha Polidano.

**Il-konvenut Saviour Buhagiar** xehed illi huwa z-zghir mis-sitt ulied. Huwa l-ahhar li zzewweg u kien ghadu jghix mal-genituri tieghu meta l-attrici zzewwget u baqghet tghix fid-dar 23 u 24 Pjazza tal-Knisja Mqabba. Il-hajt li jifred id-dar numru 23 u 24 mid-dar bin-numru 25 kien tnehha minn missieru sabiex id-dar bin-numru 25 ma tigix rekwizizzjonata. Huwa kien jghin lill-genituri f`diversi xogholijiet ta` l-id bhal xoghol fir-raba` u ghalf tal-bhejjem, kif ukoll xoghol ta` tibjid fid-dar. Dejjem jiftakar lil ommu tghid li trid izzomm il-paci billi kull wiehed minn uliedha jiehu indaqs mill-wirt. Kien biss wara l-mewt taz-zewg genituri tieghu li l-attrici qalet lilu u lil hutu li missierha kien mar ghand in-Nutar Said u ghamel kitba tal-kera favur zewgha. Ommu qatt ma semmietlu xejn fuq hekk ghalkemm kien midhla sew ta` ommu. Ighid li ommu ma kinitx taf bil-kirja. Ikkonferma dak li xehdu hutu s-subien kif ukoll li huh Censu kien ihallas wahdu l-qbiela ta` l-ghalqa msejha `Tal-Baghal` jew `Ta` Pace` fi Sqaq tal-Baghal, limiti ta` Siggiewi bl-ircevuta tghajjat lilu.

**Saviour Buhagiar** kompla jghid li l-attrici lanqas biss uriet xi interess li taghti stima lilu u lil hutu tad-djar fi Pjazza tal-Knisja Mqabba u dana minkejja dak imnizzel fit-testment. L-attrici ma kkoperatx lanqas meta hu u hutu l-ohra baghtu ittra b`avukat. Meta saret id-denunzja tat-taxa wara l-mewt tal-genituri,

ma kinitx saret il-qasma. L-attrici ghadha tokkupa d-djar 23, 24 u 25 Pjazza tal-Knisja Mqabba. Il-hsieb tieghu u ta` hutu ghadu li jigi ffirmat il-kuntratt ta` trasferiment tad-djar bin-numri 23 u 24 wara li jkollhom stima ta` perit li jaghmel valutazzjoni tal-fond bil-pussess battal.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa baqa` jghix id-dar sa 1983 u dana fin-naha ta` 36 filwaqt li l-attrici kienet tghix in-naha l-ohra. Ommu u missieru kienu jghixu fiz-zewg postijiet, liema postijiet kellhom entraturi differenti u zewg turgien differenti ghal fuq bi kmamar tal-bejt separati. Hu kien ighin lill-genituri fil-hdim tar-raba`. Ir-raba` kienet ta` ommu hlief ghar-raba` ta` Pace li kienet bi qbiela ghand missieru. Il-qbiela kienet tithallas lil ta` Said Pullicino. Huh Toni kien jahdem fir-raba` fejn kien hemm barumbara. Cahad li ommu kienet tibghat lil xi hadd mill-ahwa biex ihallas il-qbiela. Huwa kien mar ghand in-Nutar Lia u flimkien marru ghand Said Pullicino fejn gie spjegat li l-ircevuta ma kellhiex issir fuq bniedem wiehed.

Qal li d-dar ta` Church Square Mqabba kienet abitabbli u li kien hemm dawl u ilma u sistema ta` drenagg. Kien hemm poggaman sa fuq il-bejt. Dejjem kien hemm madum izda li l-attrici rega` bidlet xi madum. Il-bir dejjem kien izomm l-ilma.

Dwar ir-ricevuti tal-qbiela tal-ghalqa Ta` Pace mahruga f`isem Censu, sostna li l-ewwel wahda li nharget kienet differenti ; il-flus kienu ta` kulhadd ghalkemm huwa qatt ma ta flus lil huh. Censu qatt ma urieh l-ircevuta. Fir-rigward tar-raba`, ikkonferma li hu u hutu kienu jahdmu r-raba` bil-kunsens ta` missierhom. Kulhadd kien jaf fejn kienet ir-raba` tieghu, ghalkemm ma tpoggewx qsami.

Fir-rigward tax-xogholijiet li saru mill-attrici fil-fond ta` Church Square Mqabba, stqarr li qabel izzewweg u telaq, halla kollox sew. Minkejja li fil-lista

ta` l-attrici, hemm imnizzel li fl-1982, saret kamra tal-bejt, qal li dak ma jiftakrux. Lanqas jaf b`xoghol li sar fl-1981 fuq is-sistema tad-dawl minn Pawlu Grech. Insista li huwa jghix fit-36 u hemm ma sar xejn. Meta hu mar mal-perit fit-36, sab li kollox kien ghadu kif kien meta hu kien jghix hemm.

Ipprezenta pjanta ta` ghalqa li tinsab hdejn `Ta` Pace` (Dok SB1X). Il-parti bil-*highlighter* hija l-ghalqa maghrufa bhala `Ta` Pace`. Fejn hemm l-ittra `B`fuq din il-pjanta hija mhollija lilu ; fejn hemm l-ittra `A` hija mhollija lil Censu ; u fejn hemm l-ittra `C` hija mhollija lil Toni. Il-barumbara hija l-parti mmarkata b`kaxxa b`linji blu fil-porzjon bl-ittra `B`. Hemm vojt ta` cirka tletin pied li thalla biex tghaddi karozza jithalla bejn il-parti tieghu u l-barumbara. Il-pjanta saret ma` l-ahhar testment ta` ommu. Ipprezenta wkoll skrittura Dok SB 2X li ghamel hu ma` huh Censu. L-ewwel ircevuta li nharget meta mar ihallas Censu kien hemm miktub li l-ghalqa kienet diga` mqabbla lil Guzeppi Buhagiar. Ipprezenta ricevuta tax-xogholijiet li ghamlet ommu meta rrangat il-faccata ; il-flus thallsu mill-omm.

Xehed illi huwa ighix l-Mqabba. Huwa biegh l-ghalqa li messet lilu lil Polidano Brothers. Kien involut kien in-Nutar Mario Bugeja.

Ipprezenta kuntratti dwar uhud mill-ghelieqi li jappartjenu lill-wirt mertu ta` din il-kawza. L-ghalqa bieghha bil-prezz ta` Lm20,000. Akkwista proprjeta go Wied il-Ghajn minghand l-istess bniedem li xtara l-ghalqa. Il-proprjeta` ta` Wied il-Ghajn inxtrat bil-Lm55,000. Il-kuntratt ta` l-akkwist ta` din il-propjeta` ma sehhx fl-istess gurnata ta` meta nbieghet l-ghalqa. Fl-2009 huwa xtara erbat itmiem raba` fl-istess inhawi ghall-prezz li kien taht €30,000. Fl-2012 huwa xtara bicca raba` fl-istess inahwi bil-prezz ta` €23,000. Mistoqsi ghalfejn il-kuntratti ma gewx insinwati, huwa qal li dik hija kwistjoni tas-sid tal-kumpannija. Mistoqsi jekk il-bejgh ta` l-ghalqa u l-akkwist tal-flat go Wied il-Ghajn kinux negozju wiehed, qal li ma kinux negozju wiehed. Huwa hallas il-flus lill-venditur. L-ewwel inghata kienu l-flus ta` l-ghalqa u imbaghad rega` hallas b`dawk il-flus u zied maghhom biex akkwista l-appartament ta` Wied il-Ghajn.

**Aktar tard fid-deposizzjoni tieghu**, ix-xhud **minn jeddu** ddikjara li hassar in-negozju kollu rigwardanti l-akkwist tal-post ta` Wied il-Ghajn. Nonostante kull ma kien xehed qabel, fil-fatt kull ma kien lahaq sar dwar dak il-post kien bid-diskors biss u ma kien hemm l-ebda kitba. L-unici flus li ghaddew huma dawk tal-bejgh ta` l-ghalqa. Dwar il-post ta` Wied il-Ghajn, ma ghaddewx flus

**Il-konvenut John Buhagiar** xehed illi huwa t-tielet wild. Hu u hutu l-ohra kienu jduru bil-genituri taghhom skond ic-cirkostanzi. Huwa kien imur darba u kultant anke darbtejn f`gimgha biex izur lill-genituri u jara li ma jonqoshom xejn. Gieli xtara medicini lil ommu meta din kienet tkun marida. Ikkonferma li l-attrici baqghet tghix id-dar mal-genituri. Wara l-mewt ta` missieru, l-attrici kienet tarah zejjed meta jmur izur lil ommu.

**John Buhagiar** qal li l-attrici kienet dahlet tghix fid-dar tal-genituri li kienet lesta minn kollox. Kienu l-genituri tieghu li nefqu t-tiswijiet li kien hemm bzonn. Ommu hallset Lm360 lil Elbros Restoration Works Limited sabiex isir restawr ta` l-faccata. Ix-xogholijiet li seta` ghamel Carmelo Portelli kienu biss ta` titjib u tibdil ghall-gosti, uzu u tgawdija ta` l-attrici, izda ma kinux xogholijiet mehtiega. Meta saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt tal-genituri, il-valur li nghata kien taz-zewgt idjar okkupati mill-familja ta` ohtu b`kera. Ommu ma kinitx taf b`din il-kera tant li qatt ma semmiet xejn. Ommu kienet tghid car li d-dar 23 u 24, Pjazza Knisja, Mqabba kienet ser taghtiha bi prelegat lill-attrici akkont ta` sehemha bl-istima tal-perit daqs li kieku qed tiehu d-dar bhala vojta. Il-valur indikat fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ma huwiex il-valur kif ghandu jkun stmat mill-perit. Hu u hutu ftehmu li meta l-attrici ssir is-sid tad-dar 23 u 24 Pjazza tal-Knisja Mqabba, il-kera tkun waqfet. Is-sid ta` 2, 24 u 25 Pjazza tal-Knsija, Mqabba, kienet ommhom ghaliex kienet wirtet il-fondi kollha li qabel kienu hemm mibnija f`dak is-sit. Ommu wirtet lil ohtha xebba Marianna sive Mananni Zammit skond it-testmenti taghha tad-9 ta` Mejju 1951, 31 ta` Dicembru 1954 u 9 ta` Novembru 1955. Il-qasma kellha ssir skond ma kienet tghid ommu u cioe` li kulhadd jiehdu ndaqs fil-valur ta` l-ishma tal-wirt taghha wara mewtha, bid-dar tnghata lill-attrici bhala libera u franka.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega li huwa kien imur b`mod regolari fid-dar ta` Church Square, Mqabba. Il-genituri kienu jghixu fil-fond 35 u l-iehor kien jinfed u kellu hafna affarijiet ta` l-ghalqa fih. Kien bini antik li missieru kien waqqa` u rega` bena. Il-proprejta` kellha l-kumditajiet kollha u kienet fi stat tajjeb. Kienet ommu li taghtu r-ricevuta ta` li hallset ghax-xogholijiet tal-faccata. It-tarag kellu poggaman tal-hadid.

Qal li l-attrici baqghet tghix f`dak il-post. Ommu qatt ma qaltlu li l-postijiet kienu mikrija. Qatt ma kien muri xi ricevuta tal-kera minghand ommu.

Ix-xogholijiet li saru mill-attrici kienu ghat-tgawdija taghha ; minghajrhom kienet moqdija. Fil-post kien hemm toilet u sink zgur. Il-madum kien sabih u kbir. Is-sistema tad-drenagg ma kinitx bil-fossa. It-twieqi kienu bil-hgieg. Qabel l-attrici ghamlet t-twieqi bl-aluminium, kien hemm twieqi ta` l-injam. Fejn fil-lista ta` xogholijiet pprezentata mill-attrici hemm imnizzel ceramics, dak kien lussu. Il-poggaman tal-hadid kien tajjeb u sod u ma kellux ghalfejn isir ta` l-injam. Cahad li l-ispejjez tal-faccata thallsu mill-attrici.

Xehed illi ommu kellha raba` taghha u anke raba` bi qbiela. Ir-raba` taghha `Tal-Matla` kien inqasam minn missieru fi plots bicca kull wiehed. Bejnu u bejn huh Toni kienet inqasam raba` maghruf bhala Ta` Xahar Imqalleb jew Ta` Dorium mentri lil Salvu inghatat ir-raba` `Ta` Legleg`. Lil Censu nghata r-raba` ta` Sqaq il-Baghal. Ir-raba` ta` Pace kienet qbiela u huwa ma dahalx fiha. Huwa kellu fil-pussess tieghu l-kotba tal-bank ta` ommu ; tathom lilu meta xjiehet. Ommu qatt ma tatu kera biex ipoggiha l-bank.

Stqarr li wara li mietet ommu, l-attrici marret bil-kera. Hu u hutu qalulha li ommhom qatt ma qaltilhom li l-post kien mikri. L-attrici nsistiet li kien missierha li krielha l-post. Minn mindu gholiet il-kera wara li saru l-emendi fil-ligi, baqa` ma rceviex cedoli ta` depozitu ta` kera.

Dwar ir-raba` sostna li ghalkemm ma kienx hemm qasma kulhadd kien jaf fejn hi l-bicca tieghu. Huwa kien sorpriz li Ta` Pace nghatat lil huh Censu. Fir-rigward tar-raba` Ta` Indrijun, din kienet tinhadem minn Censu, Salvu u Toni u mmarka fuq il-pjanta Dok AS 5 ezattament fejn kienet il-bicca ta` kull wiehed.

Qal li hu kien jahdem id-Dwana. Kien jahdem kuljum gurnata shiha hlief is-Sibt u l-Hadd mis-7.30 a.m. sal-5.00 p.m. Kien imur darbtejn jew tlieta fil-gimgha jara l-ommu. Ma jafx jekk l-attrici kkontribwietx ghan-nefqa tax-xogholijiet tal-faccata.

**Il-konvenut John Zammit** xehed illi l-fond 25 Pjazza tal-Knisja Mqabba thalla lilu u lil hutu Joseph u Ronald bhala prelegat. Il-post huwa mikri lil Carmelo Portelli. Huwa mniffed mal-post 23/24 kemm mis-sular ta` isfel kif ukoll mis-sular ta` fuq. Kollox huwa okkupat mill-kerrej. Il-postijiet ilhom diversi snin mikrija lil Portelli. Wara l-mewt tan-nanna tieghu, il-kera giet depozitata l-Qorti . Ukoll wara l-mewt tan-nanna, hu u hutu flimkien mal-eredi l-ohra resqu biex jaghmlu dikjarazzjoni *causa mortis*. Ikoll qablu fuq il-valur tal-proprjetajiet. Il-post 25 Pjazza tal-Knisja, Mqabba kien inkluz fil-lista u kulhadd accetta li kien mikri lil Carmelo Portelli. Kien hemm ukoll qbil li anke l-postijiet ta` Triq il-Fjuri huma mikrija. Ftit taz-zmien wara kien mar il-Perit Edgar Caruana Montalto biex jivvaluta l-proprjetajiet, huwa accetta l-valur li ta. In-nanna tieghu dejjem insistiet mieghu li hi riedet li l-post 25 imur ghand il-werrieta ta` ommu Michelina Zammit li kienet it-tifla taghha. Riedet hekk b`rikonoxximent tal-fatt li l-post kollu kien intiret min-nanna minghand ohtha Mananni. In-nanna u ommu kien hadu hsieb lil Mananni. Il-fond 23 u 24 thalla lill-attrici peress li kienet hi li daret bin-nanna sa mewtha.

**John Zammit** kompla jixhed illi Marianna Zammit kienet halliet lin-nanna tieghu il-post 23, 24 u 25 ; qabel kellu n-numri 35, 36 u 37 ; u imbaghad kellu wkoll in-numri 34, 35 u 36. Mananni kienet halliet lil tlieta mill-erba`

hutha bhala werrieta taghha. Il-kuntratt ta` l-qasma sar fit-8 ta` Jannar 1966 fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini. Wara l-1966, in-nannu kien waqqa` parti kbira mill-fond u rega` bnieh b`tali mod li jkun jista` jinqasam fi tnejn. Hu u hutu dejjem riedu jaghmlu il-qasma u dejjem wiegbu ghall-ittri u ghall-proposti li gew skambjati. Huwa dejjem mar ghal-laqghat li saru. Billi fil-laqghat qatt ma kienu prezenti z-zijiet kollha, baqa` ma ntlahaqx ftehim. Ghad li kien sar qbil fuq il-proprjetajiet, fuq il-valuri taghhom u fuq il-fatt li uhud minnhom kienu mikrija, meta kien isir diskors fuq il-qasma, xi whud miz-zijiet tieghu kienu joggezzjonaw. L-oggezzjoni taghhom kienet li ghal skop ta` stimi jittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-postijiet huma mikrija. Riedu li l-istima tkun ta` post battal.

Fil-**kontroezami**, xehed li Carmelo Portelli huwa z-ziju tar-rispett tieghu u r-ragel tal-attrici. Ma jafx jekk in-nanna kinitx taccetta kera. Dejjem kellu gharfien li l-post 25 kien mikri u kkonferma li kull meta tkellem man-nanna, dejjem tkellmet mieghu fuq il-bazi li l-post kien mikri. Huwa kien jircievi cedola. Meta saret id-denunzja, il-postijiet gew stmati bhala mikrija. Il-valur kien maqbul bejn kulhadd. Il-post li kien 36 u li llum huwa 25 ghandu entratura differenti mill-post 23 u 24. Il-post 25 ghandu tarag differenti. Il-post li mess lilu u lil hutu fih kamra laterlai hekk kif deskritta fit-testment. Din il-kamra qeghda mniddfa mal-entrata l-ohra tad-dar. Hemm zewgt ikmamar laterali izda wahda minnhom qeghda temporanjament uzata. Kien hemm zewg settijiet ta` tugien u zewgt ibjut. Kien ukoll bitha fuq wara. Fil-prelegat hemm imnizzel kif ghandha tinqasam il-bitha u dwar l-uzu tal-bir.

Ighid li ghamel il-verifiki hu stess dwar Marianna Zammit u t-testmenti taghha. Kienet in-nanna li wirtet il-postijiet 23, 24 u 25. Ma jafx jekk iz-zewg postijiet kellhomx. Minn dejjem jaf lill-attrici tghix bil-kera f`dawk il-postijiet. Carmelo Portelli kien jaghmel uzu mill-fond 25. Huwa jaccetta il-kera taz-ziju izda qatt ma rcieva flus ; ghalhekk qatt ma hareg ricevuta. Qatt ma ra ircevuti ffirmati min-nanna. Huwa rcieva cedoli wara l-mewt tan-nanna tieghu. Haddiehor ma riedx jaccetta l-kera.

**Il-konvenut Anthony Buhagiar** xehed b`riferenza ghaz-zewg bicciet raba` maghrufa bhala Ta` Ligieg u Tas-Afra fi Sqaq il-Baghal, limiti tas-Siggiewi. Fid-Dok AS6 tidher biss wahda. Qal li wahda tmiss ma` l-isqaq stess u l-ohra tinsab aktar `il gewwa minnha. Il-perit indika biss din ta` l-ahhar. Dawn l-ghelieqi kienu proprjeta` tan-nannu Mikiel Zammit. L-ghalqa li tmiss ma` l-isqaq fiha moghdija bir-rigel li taghti ghal zewg ghelieqi ohra aktar `il gewwa minnhom. Iz-zewg ghelieqi kienu ta` certa Carmela Grech u li l-moghdija kienet tibda minn rampa li kienet gejja minn gos-sqaq u tibqa` sejra taht il-hajt man-naha tax-xellug xhin tkun diehel fl-ghalqa.

**Anthony Buhagiar** stqarr illi n-nannu kien mizzewweg darbtejn. Mill-ewwel zwieg kellu tlitt itfal : Salvu, Guzepp u Marianna. Meta zzewweg tahom sehemhom. Lil Salvu tah l-ghalqa msemmija ; u wara li miet l-ghalqa intiret minn ommu Michelina. Din l-ghalqa thalliet b`legat lil huh Salvu. In-nannu zamm l-ghalqa ta` gewwa li hemm ma genbha ossija dik li hija indikata mill-perit. Mit-tieni zwieg tieghu, in-nannu kellu erba` ulied : Grezzju, Cetta, Ganni u Michelina. Meta dawn qasmu, ir-raba` indikat mill-perit fid-Dok AS 6 messet lil Grezzju u Ganni. In-nanna tieghu regghet izzewwget u kellha erba` wlied ohra : Toni, George, Carmela u Guzeppa. Grezzju kien miet f`incident tat-traffiku ; il-parti tal-ghalqa li messet lilu (jigifieri nofs l-art indikata fuq Dok AS 6) ghad trid tinqasam bejn is-sebat ahwa tieghu. Min ghandu l-ghalqa ta` gewwa cioe` dik li messet lil Grezzju u lil Ganni ghandu access ghaliha minn passagg bir-rigel.

Dwar l-ghalqa Ta` Pace fi Sqaq il-Baghal fil-limiti ta` Siggiewi, **Anthony Buhagiar** xehed illi kienet tithallas qbiela lill-Prim Imhallef Said Pullicino. Ommu halliet biex dik ir-raba` tinqasam bejn uliedha subien. Wara li miet missieru, ommu kienet tghid li l-ghalqa kien qed ihallasha Censu ghan-nom taghha u li hi kienet baqghet thallas l-qbiela anke wara li miet missieru. Ommu kienet taghti flus kemm lilu kif ukoll lil hutu s-subien l-ohra sabiex ikopru ftit mill-ispejjez li kienu jaghmlu f`isimha jew ghall-bzonnijiet taghha. Ommu kienet l-uzufruttwarja tal-beni wara l-mewt ta` missieru. Censu mar ihallas il-qbiela f`Settembru 1993 u minghajr ma taf ommu qabad u qaleb il-qbiela. Skond l-ewwel ricevuta (Dok VB1) ghalkemm Censu mar bil-qbiela hemm imnizzel li l-ghalqa kienet diga` mqabbla lil Joseph Buhagiar. Ma kien hemm xejn bil-kitba li ommu rrinunzjat ghall-uzufrutt tal-ghalqa u li juri li Censu kien qed ihallas

f`ismu wahdu. Ommu ma kenitx taf li isimha ma kienx qed jidher fuq ir-ricevuta ghaliex Censu dejjem kien ighidilha li qed ihallas ghan-nom taghha. Qaltlu li l-qbiela kienet qed tithallas minn Censu ghan-nom taghha. Ommu ghamlet testment sigriet fejn halliet mappa li turi delimitazzjonijiet cari ta` kif ghandha tinqasam l-ghalqa Ta` Pace wara mewtha biex kull wild maskili jahdem bicca. Censu rregistra fuq ismu mal-Ghammieri din l-ghalqa jew il-qbiela taghha fl-2003 hafna wara l-mewt tal-genituri tieghu. Kemm huh Salvu u kif ukoll hu kienu jahdmu parti minn din ir-raba` u huwa jippretendi li din ghandha tinqasam.

Dwar il-fond 36, Church Square, Mqabba, **Anthony Buhagiar** xehed illi ommu xtaqet li Ronald Zammit li jigi t-tifel ta` Michelina Zammit imur joqghod hemm, izda dan ma sarx ghaliex missieru kien oggezzjona peress li minghajr ma kienet taf ommu, dik id-dar flimkien mad-djar 34 u 35 kienu mikrija lil Charles Portelli. Dawk il-proprjetajiet kienu wirt ta` ommu minghand ohtha Marianna Zammit. Tant ommu ma kinitx taf bil-kirja li fit-testment taghha, nizzlet klawsola li hadd ma ghandu jaghti proprjeta` b`kera jew qbiela jew jircievi l-istess. Hija haga stramba li wara li miet missieru, il-kera bdiet tigi depozitata l-Qorti u mhux tithallas lil ommu. Ommu kienet tghid li dawk id-djar riedet thallihom lill-bniet tal-familja.

Dwar l-ispejjez li l-attrici tghid li ghamlet fid-dar, **Anthony Buhagiar** stqarr li dawk kien xogholijiet li saru ghax riedu jirrangaw id-dehra tad-dar. Qatt ma saret deskrizzjoni ta` l-istat tal-fond u ghalhekk ma jistax jigi allegat li l-fond ma kienx fi stat tajjeb. Huwa minnu li ommu kienet tghix hemm meta saru x-xogholijiet, izda ommu kienet mara li zzomm il-paci u ma kienet tghid xejn. Ir-relazzjoni bejn ommu u l-attrici ma kinitx tajba u kienu jaghmlu xhur ma jitkellmux. L-attrici kienet tghid lil ommha bl-appuntamenti tal-isptar xi jumejn qabel halli din ma tkunx tista` tinforma lilu u lil hutu l-ohra. L-attrici kienet tiehu lil ommha fl-outpatients ghax dik kienet wahda mill-kundizzjonijiet li kienu ghamlu biex tinghata l-prelegat tad-dar. Fit-testment taghhom il-genituri hallew Lm400 lill-attrici ; u ommu kienet rega` semmiethom fit-testment sigriet taghha mhux biex l-attrici tiehu Lm400 darbtejn izda biex tfakkar fl-obbligu li dahlet ghalih.ligu li kien sar bejnha u bejn missieru.

Dwar il-kondizzjoni ta` ommu, **Anthony Buhagiar** xehed illi ommu baqghet tahsel, tnaddaf kif ukoll baqghet lucida sa ftit granet qabel ma` mietet. Kienet indipendenti u kienet tipprova tohrog tixtri ghal rasha u ssajjar. Gieli sab lil ommu tahsel l-art jew il-hwejjeg taghha u gieli anke talbitu jmur jixtrilha. Missieru baqa` jahdem ir-raba` sa ma kellu 75 sena u kien jirkeb ir-rota u jarma l-baghal. Huwa kien ftiehem ma` ommu li meta tlesti mill-facendi, thalli l-bieb fuq il-gangetta ghax hija kienet naqset mis-smigh u ma kinitx tisimghu jhabbat. L-attrici kienet tisimghu jhabbat u ma kinitx tiftah.

**Il-Perit Alan Saliba** xehed illi li l-postijiet gew stmati bhala mikrija. Il-post 23 u 24 stmah dak li kieku tlett kwarti kien vojt. Kellu jizdied kwart iehor izda fil-matematika fid-divizjoni issir 23 diviza b`punt seba` hamsa. Il-post bin-numru 25 ukoll gie stmat tlett kwarti. L-istimi kienu differenti peress li il-fond 25 kien f`pozizzjoni hazina aktar mill-iehor u kif ukoll billi l-fond qieghed kantuniera ma` sqaq.

**In-Nutar Dr Mario Bugeja** xehed illi huwa jaf lill-familja Buhagiar. Meta sar il-bejgh lil Polidano u cioe` Montekristo Vineyards Limited, kien hemm nofs l-Imqabba involut. Il-bejgh sar f`Dicembru 2011. Dik is-sena stess, Salvu Buhagiar biegh ghalqa tieghu lil Montekristo Vineyards. Meta bieghu l-ahwa Buhagiar kollha, kien hemm konvenju registrat mill-ahwa Buhagiar u dan kien sar ma` Montekristo Vineyards, mentri meta sar il-bejgh ta` l-ghalqa minn Salvu Buhagiar, ma kienx hemm konvenju izda xi ftehim bejniethom. Huwa kkonferma li dawn iz-zewg negozji saru fl-istess epoka ghalkemm il-konvenju fejn kien hemm hafna nies involuti kellu bzonn aktar hin minhabba ricerki u denunzji neqsin.

**In-Nutar Bugeja** spjega li kuntratti ma` Buhagiar fuq flats go Wied il-Ghajn ma sarux. Ma jafx jekk kienx hemm kontrattazzjoni jew ftehim bejn Polidano u Salvu Buhagiar li tirrelata ma` flat go Wied il-Ghajn. Qal li sar kuntratt fejn it-tifel ta` Salvu Buhagiar akkwista flat minghand kumpannija ohra, izda Polidano mhux shareholder f`dik il-kumpannija. Mistoqsi jekk kienx

hemm xi element ta` tpartit, ix-xhud spjega li ma jafx fic-cert. Qal li ma rax flus fuq il-kuntratt li sar bejn Montekristo Vineyards Limited u Salvu Buhagiar. Ma jafx ir-raguni ghalfejn l-art li kellha hafna problemi kienet valutata mod u l-art minghajr problemi fl-istess territorju giet vvalutata kwint tal-istess valur. Jista` jkun id-differenza fil-prezz kienet minhabba li Polidano qabad u dahal fl-art li kienet ta` hafna nies minghajr ma kien ghadu ghamel kuntratt maghhom. Ir-raguni ghalfejn il-kuntratti jdumu ma jigu nsinwati hija minhabba li Polidano jdumu biex ihallsu. Dwar ix-xiri ta`l-appartament f`Wied il-Ghajn minn wiehed minn ulied Salvu Buhagiar, huwa ma rax flus ghaddejjin fuq il-kuntratt ghalkemm jiftakar li l-prezz kien ta` xi Lm40,000. It-trasferiment sehh bejn Joseph Bellia ghan-nom ta` JB a favur ta` iben il-konvenut Salvu Buhagiar fil-proprjeta` ta` Polidano Brothers. Mistoqsi ghaliex il-kuntratt sar ghand Polidano, spjega li Polidano kien involut ; kif u x`fatta ma setax ighid. Cahad li kien hemm xi konvenju jew kuntratt li gie rexxiz. Fil-**kontroezami**, in-Nutar Bugeja kkonferma li Salvu Buhagiar hieli jaghmel xoghol ghal Charles Polidano.

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

### 1) Il-wirt ta` Joseph Buhagiar

Joseph Buhagiar miet fit-2 ta` April 1993 fl-eta` ta` 90 sena (Dok MP1 a fol 5 tal-process).

### a) It-testment *unica charta*

It-testment li jirregola l-eredita` tieghu huwa dak tad-decujus li kien dak *unica charta* ma` martu li sar fl-20 ta` Mejju 1983 fl-atti ta` Nutar Nicola Said (Dok MP3 a fol 7 et seq).

Hemm it-testaturi rrevokaw u hassru kull testment precedenti taghhom u hallew lis-superstiti fosthom id-dritt ta` l-uzu u tal-uzufrutt in generali tal-beni kollha.

Fit-tielet artikolu tat-testment, it-testaturi hallew bi prelegat lill-attrici d-dar l-Imqabba, Church Square, numri 34 u 35, bhala soggetta ghal piz annwu perpetwu ta` Lm2.50, u ghac-cens annwu perpetwu ta` Lm1.04c2 rata minn cens ikbar, u dan bhala akkont jew ghas-saldu ta` sehemha u bi stima ta` perit arkitett.

Fir-raba` artikolu ta` l- istess testment, lill-attrici thalla b`titolu ta` prelegat (i) is-somma ta` Lm400 ghal darba wahda biss biex tigi kkumpensatha u rimborzata ta` xi spejjez li l-istess Maria Assunta Portelli ghamlet fl-imsemmija dar fl-Imqabba Church Square numri 34 u 35 ; u (ii) l-oggetti u s-sostanzi kollha mobbili li jkun hemm fid-dar ta` l-abitazzjoni tat-testaturi fil-gurnata tal-mewt ta` l-ahhar wiehed fosthom mill-ghatba `l gewwa *a limine intus* komprizi l-oggetti tad-deheb u l-flus kontanti, eccettwati pero` d-depoziti bankarji u t-titoli li jirraprezentaw flus.

Bil-hames artikolu tat-testment, thalliet bi prelegat lill-ulied tal-mejta Michelina Zammit id-dar l-Imqabba, Church Square, numru 36, u din bhala soggetta ghal piz annwu perpetwu ta` Lm2.50, u ghac-cens annwu perpetwu ta` Lm1.04c2 u dan akkont jew ghas-saldu ta` sehemhom u bi stima ta` perit arkitett.

Peress illi din id-dar u dik prelegata lil binthom Maria Assunta Portelli kienu minfudin ma` xulxin, it-testaturi ordnaw illi l-ispejjez biex jinghalaq il-bieb li jikkomunikahom ma` xulxin u biex jega` jinbena il-hajt li kien jissepara z-zewgt ibtiehi, jigu sopportati nofs mill-attrici u nofs minn ulied Michelina Zammit.

Bis-sitt artikolu tat-testment, it-testaturi, wara li ezentaw lil uliedhom kollha minn kull obbligu li jikkonferixxu u jimputaw fid-divizjoni tal-beni taghhom, dak kollu li jkun gie assenjati lilhom sia fl-okkazjoni taz-zwieg u kemm fi kwalunkwe okkazjoni ohra, hatru lil uliedhom <u>kollha</u> Maria Assunta Portelli bhala eredi taghhom : Maria Assunta, Antonio, Innocenzo, Salvatore u Giovanni ahwa Buhagiar jiehdu wiehed minn sitta tal-patrimonju taghhom, waqt li ulied il-mejta Michelina Zammit jiehdu s-sesta parti l-ohra.

**b) <u>L-assi ereditarji</u>**

Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li ghamlu l-eredi <u>kollha</u> ta` Joseph Buhagiar fl-14 ta` Dicembru 2000 (fol 31 et seq), jirrizulta dikjarat li Joseph Buhagiar kien proprjetarju ta` ¾ indivizi tal-fond 51, Hospital Alley, Mqabba, stmat ghal valur ta` Lm6,000.

Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li ghamlu l-eredi <u>kollha</u> ta` Michelina Buhagiar fl-14 ta` Dicembru 2000 (fol 38 et seq), jirrizulta dikjarat li Michelina Buhagiar kienet proprjetarja ¼ indiviz ta` 51, Hospital Alley, Mqabba, valur ta` Lm2,500.

Fiz-zewg dikjarazzjonijiet, jinghad li din il-proprjeta` kienet akkwistata minn Joseph Buhagiar in parti qabel iz-zwieg tieghu u in parti fiz-zwieg tieghu. Id-dikjaranti rriservaw id-dritt li fi kwalunkwe zmien jikkoregu d-dikjarazzjoni fil-kaz li jkun hemm inezattezzi jew omissjonijiet, b`dan illi jidhlu responsabbli *in solidum* ghal kull taxxa eventwali li tista` tkun dovuta. Inghad ukoll li l-att kien qed isir ghal ghan biss ta` hlas ta` taxxa, u bl-ebda mod ma kellu jimporta l-accettazzjoni tal-wirt.

Joseph Buhagiar kellu dawn id-depoziti :-

Kont ma` l-HSBC – qabel Nru 787048579 illum 0780046601000) – Lm1,714.95c (Dok AG1 fol 125) ;

Kont ma` l-HSBC – qabel Nru 784212386 illum 078004660050 – Lm345 (Dok AG 2 a fol 126 u a fol 127 u 128) ;

Kont man-National Savings Bank ta` Glasgow – Nru 133436104 - GBP 1,807.56 (Dok MP 14 a fol 51).

Michelina Buhagiar kellha dawn id-depoziti :-

Kont ma` l-HSBC Nru 033187071100 - Lm283.02 (Dok AG3 a fol 129) ;

Kont ma` l-HSBC Nru 033187071101 – Lm1,381.77c (Dok AG4 a fol 130) ;

Kont ma` l-HSBC Nru 078004686050 - Lm824.50c (Dok AG5 a fol 131 u 132) ;

Kont ma` l-HSBC Nru 078004686100 - Lm944.08c (Dok AG6 a fol 133) ;

Kont ma` l-HSBC Nru 078004686101 - Lm2026.43c (Dok AG7 a fol 134) ;

Kont tan-National Savings Bank ta` Glasgow Nru 129070454 – GBP 18,602.16c (Dok MP 15 a fol 52).

It-total ta` l-assi bankarji jappartjeni lill-komunjoni ta` l-akkwisti tal-konjugi Buhagiar u ghalhekk nofs dan it-total jappartjeni lil Joseph Buhagiar.

Irrizulta wkoll li kien hemm dritt ta` qbiela tal-ghalqa msejha `Ta` Pace` li milli jidher kienet tifforma parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti.

**c) <u>Qasma</u>**

Fir-rigward tal-prelegat mholli lill-attrici fir-raba` artikolu tat-testment appena citat, ghandu jinghad li dak l-artikolu kien sar kemm mit-testatur kif ukoll mit-testatrici ; sussegwentement it-testatrici il-parti taghha tat-testment. L-attrici ghandha jedd ghal legat ta` Lm200 skond dak it-testment provenjenti mill-wirt ta` missierha. L-attrici thalliet ukoll bis-sahha tal-istess artikolu, l-oggetti u s-sostanzi kollha mobbli li kien hemm fid-dar ta` abitazzjoni tat-testatur.

Fir-rigward tal-prelegat fejn lill-attrici thalla l-fond 34/35, Church Square, Mqabba, jirrizulta mill-provi li l-art li fuqha hemm mibnija din il-proprjeta` kienet proprjeta` parafernali ta` Michelina Buhagiar. Inoltre, l-istess attrici fin-

nota ta` sottomissjonijiet taghha tghid illi hija ma hiex qeghda tinsisti fuq dan il-prelegat peress li l-art kienet parafernali ta` ommha. Ghalhekk l-attrici ghandha tinghata s-somma ta` €465.87 (ekwivalenti ghal Lm200) filwaqt li l-bqija tal-flus appartenenti lil Joseph Buhagiar (nofs l-ammont tat-total tal-kontijiet bankarji fuq imsemmija intestati lil Joseph Buhagiar u lil Michelina Buhagiar) wara li titnaqqas din is-somma ta` €465.87c, ghandhom jinqasmu f`sehem ta` wiehed minn sitta bejn l-erba` ulied superstiti ta` Joseph u Michelina Buhagiar ; wiehed minn sitta lil Jane Farrugia bint il-mejjet Anthony Buhagiar ; u wiehed minn sitta lit-tliet ulied ta` l-mejta Michelina Zammit. Anthony Buhagiar u Michelina Zammit kienu tnejn mis-sitt ulied ta` Joseph u Michelina Buhagiar.

Fir-rigward tal-fond 51, Hospital Alley Mqabba, il-Qorti hi tal-fehma li dan mhuwiex komodament divizibbli u ghalhekk ghandu jinbiegh b`licitazzjoni. Ir-rikavat in kwantu ghal ¾ indivizi appartenenti lill-wirt ta` Joseph Buhagiar ghandu jinqasam fi proporzjon ta` wiehed minn sitta bejn 1) l-attrici ; 2) Jane Farrugia ; 3) Innocent Buhagiar ; 4) Saviour Buhagiar ; 5) John Buhagiar ; u 6) it-tliet ulied tal-mejta Michelina Zammit.

Fir-rigward tal-qbiela tar-raba` Ta` Pace, in kwantu ghal sehem id-decujus Joseph Buhagiar, il-Qorti ma taqbilx ma` dak sottomess mill-attrici li hija kienet intitolata tkompli l-kirja inkwantu hija kienet l-unika wahda mill-ulied li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt ta` missierha, kienet tghix mieghu. Skont l-Art 2 tal-Kap 199, id-dritt ta` l-qbiela mar fuq Michelina Buhagiar, armla ta` Joseph Buhagiar, mhux fuq l-attrici.

**2) <u>Il-wirt ta` Michelina Buhagiar</u>**

Michelina Buhagiar mietet l-Mqabba fis-7 ta` Dicembru 1999 fl-eta` ta` 90 sena (Dok MP2 a fol 6 tal-process).

**a) L-ewwel testment sigriet**

**(10 ta` Marzu 1994)**

Michelina Buhagiar ghamlet testment sigriet fl-10 ta` Marzu 1994 (Dok MP4 a fol 12 et seq) li permezz tieghu hassret u rrevokat kwalunkwe testment li ghamlet precedentement.

Fit-tieni artikolu tat-testment sigriet, hija ezentatat lil uliedha mill-obbligu li jikkonferixxu fil-massa ereditarja u li jimputaw ghal sehemhom fid-divizjoni u likwidazzjoni tal-assi ereditarji taghha dak kollu li hadu minghandha bi kwalunkwe titolu u kawza jew ghal kwalsiasi raguni.

Fit-tielet artikolu, halliet bi prelegat lill-attrici : (a) id-dar fl-Imqabba, Church Square, numru 34 u 35 eskluza l-kamra laterali li qeghda fuq in-naha tal-lemin kif tidhol u l-kamra sovraposta li taghti ghat-triq (hekk kif suggetta ghal piz annwu perpetwu u ghal cens annwu u perpetwu) u dan akkont jew ghas-sald ta` sehemha u bi stima ta` perit arkitett liema stima ghandha tidhol fil-massa ereditarja ; (b) l-oggetti kollha mobbli mill-ghatba `l gewwa eskluzi biss il-kotba tal-bank u titoli u dokumenti ohra rapprezentanti flus inkluza l-ghamara kollha u oggetti mobbli ezistenti fil-fond nru 36 Church Square, Mqabba ; u (c) is-somma ta` Lm400 ghal darba wahda biss minghajr l-ebda imghax u dan biex tikkompensaha u tirrimborsaha ta` xi spejjez li l-istess prelegatarja ghamlet fid-dar nru 34 u 35 Church Square Mqabba.

Il-prelegat kien intiz bhala kumpens tas-servigi li l-attrici rrendiet lit-testatrici u lil zewgha u bil-kundizzjoni li l-attrici tibqa` tiehu hsiebha sa mewtha. Il-kamra laterali fuq in-naha tal-lemin kif tidhol fil-fond 35 Church

Square kienet eskluza minn dan il-fond u tmur mal-fond 36 Church Square. Fit-testment, it-testatrici ddikjarat li kienet taf li parti mill-fondi 34/35 u 36 huma akkwist tal-komunjoni taghha ma` zewgha liema fondi kienu nbnew fuq art proprjeta` taghha, minflok post qadim u ordnat li dik il-kamra tmur mal-fond 36.

Fir-raba` artikolu hija halliet bi prelegat lill-ulied il-mejta Michelina Zammit id-dar 36, Church Square, Mqabba, inkluza l-kamra laterali li qeghda fuq ix-xellug hekk kif tidhol u l-kamra sovraposta li taghti ghat-triq (hekk kif suggett ghal piz annwu perpetwu u ghal cens annwu u perpetwu) u dan akkont jew ghas-sald ta` sehemhom u bi stima ta` perit arkitett, liema stima ghandha tidhol fil-massa ereditarja. Inghad illi peress li dik id-dar u l-ohra prelegata lill-attrici kienu mniffda ma` xulxin, it-testatrici ordnat li l-ispejjez mehtiega biex ikun separati z-zewg fondi kellhom jithallsu nofs mill-attrici u nofs minn ulied Michelina Zammit.

Fil-hames artikolu, it-testatrici halliet b`titolu ta` prelegat lil Innocent Buhagiar l-ghalqa maghrufa bhala ta` Misrah ix-Xuffi, tal-kejl ta` cirka tlett itmiem. Din ir-raba` giet murija fuq site plan annessa mat-testment u indikata bl-ittra `A`.

Halliet bi prelegat lil Saviour Buhagiar l-ghalqa maghrufa bhala Ta` Ligleg tal-kejl ta` cirka tomnejn, liema ghalqa giet immarkata bil-kulur isfar u indikata bl-ittra B fuq il-pjanta annessa mat-testment.

Halliet prelegat iehor lil Anthony u lil John Buhagiar l-ghalqa maghrufa bhala `Ta` Indirjun` tal-kejl ta` cirka erbat itmien u nofs jew kejl li fiha. Anthony kellu jiehu t-tlett bicciet ta` isfel immarkati bl-ittra C u b`kulur ikhal fuq site plan annessa mat-testment. Fuq dawn it-tlett bicciet raba` kien hemm dritt ta` moghdija minn go ghalqa ohra fil-prezent ta` certu Teddy Ghigo u kamra li kienet tifforma parti minn barumbara. Il-bieb ta` din il-kamra li

qieghed faccata tan-nofsinhar ix-xlokk ghandu jinghalaq u jinfetah iehor biex id-dhul jigi minn go l-istess ghalqa. Id-dhul ghal din il-parti tal-ghalqa ghandu jkun bi dritt li jkun jista` jghaddi truck u l-makkinarju li jorbot il-balal tat-iben. John kellu jhalli din il-moghdija u bhala prelegat John kellu jiehu l-ewwel zewg bicciet raba` kif tidhol mis-sqaq imsemmi Ta` Xaghar Imqalleb u bicca ohra li tigi aktar `il gewwa in-naha tal-lbic, liema raba` huma mmarkati bl-ittra D fil-pjanta annessa ma` dan it-testment. L-unika pjanta li giet ezebita kienet dik mmarkata bhaa Dok SB 1 X a fol 582 li mix-xhieda ta` Salvu Buhagiar, jirrizulta li hija l-istess pjanta riferita f`dan it-testment appena citat.

Fl-istess artikolu hamsa, it-testatrici qalet ukoll illi l-ghelieqi mertu ta` dawk il-prelegati kienu proprjeta` taghha ghax waslu ghandha b`wirt. L-erba` ulied subien kellhom jehdu l-legati immedjatament wara mewtha u qabel il-qasma tal-proprjeta` l-ohra kollha. Hadd mit-tfal taghha u n-neputijiet taghha ma kellhom ihallsu kera, qbiela jew benefikati jew jircievu l-istess ta` xi fondi jew raba` li jkun qed jahdmu jew jokkupaw sakemm issir id-divizjoni.

Fis-sitt artikolu hija hatret bhala eredi universali taghha f`parti ta` wiehed minn sitta kull wiehed lil : 1) Anthony Buhagiar ; 2) John Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; 4) Innocent Buhagiar ; 5) l-attrici ; u 6) ulied bintha Michelina Zammit.

Fis-seba` artikolu, it-testatrici ordnat li t-titolu ta` lokazzjoni li kellha ta` l-ghalqa maghrufa bhala Ta` Pace u li taghha thallas qbiela lill-familja Said Pullicino, ghandu jghaddi fuq uliedha Innocent, Anthony u Saviour, b`dan illi Innocent ghandu jahdem il-bicca mmarkata bl-ittra A u b`kulur ahmar ; Saviour jahdem il-bicca markata bl-ittra B u b`kulur ikhal ; u Anthony jahdem il-bicca markata bl-ittra C u b`kulur isfar, skont l-iskizz anness ma` t-testment. Il-bini li hemm fl-ghalqa kif ukoll il-bir kellhom jigu uzati minn dawk it-tlett ulied, u l-qbiela tithallas bejniethom fuq ricevuta wahda. Jekk xi wiehed minn dawk it-tlett ulied ma joqghodx ghax-xewqa taghha, kellu jitlef id-dritt li jodhol fl-ghalqa u jiddekadi awtomatikament bhala werriet taghha fuq dik l-ghalqa. Iddikjarat ukoll li ghalkemm taf li dik il-lokazzjoni taghmel parti mill-komunjoni ta` l-

akkwisti ma` zewgha, u allura sehemha kien jammonmta ghal nofs, riedet tiddisponi mill-ghalqa skond kif qalet fiseba` artikolu.

**b) <u>It-tieni testment sigriet</u>**

**(22 ta` Marzu 1995)**

Michelina Buhagiar ghamlet testment iehor fit-22 ta` Marzu 1995 (fol 18 et seq).

Hemm ordnat li l-fond 34 u 35, Church Square, Mqabba, ghandu jikkonsisti f`entrata nru 35, kamra fuq ix-xellug kif tidhol, nru 34 bil-bieb persjana ghat-triq, kamra ohra zghira wara l-imsemmija kamra nru 34 fejn torqod it-testatrici u li minnha tinzel ghall-kantina, tromba tat-tarag, kcina, water closet li hemm fil-bitha kif tidhol fuq ix-xellug, u parti mill-istess bitha li kellha tinqasam dritt il-bir fejn hemm diga` l-pedament. Il-bir kellu jibqa` komuni bejn il-fondi numri 34/35 u l-fond numru 36. Indikat illi l-kamra laterali kif tidhol fuq il-lemin tal-fond nru 35 kellha tmur mal-fond nru 35. Ordnat li mit-tarag titla` ghas-sular ta` fuq, li ghandu jikkonsisti f`kamra zghira b`tieqa ghat-triq kif titla` t-tarag, kamra fuq il-lemin bil-gallarija ghat-triq li tigi fuq il-fond nru 34, kamra zghira ohra li tigi fuq il-kamra li torqod fiha hi, u water closet li jigi fuq dak ta` isfel, u l-bejt li titla` mill-istess tarag sal-opramorta ta` xi erba` filati.

Fl-istess testment, id-decujus ordnat li l-fond 36, Church Square, Mqabba, ghandu jikkonsisti minn entrata, kamra laterali fuq ix-xellug kif tidhol li prezenzjalment tifforma parti mill-fond 35, tromba tat-tarag li minnha tidhol fil-water closet li hemm fuq ix-xellug u kamra tas-sodda li minnha tidhol fil-bitha. Il-bitha kellha tinqasam dritt il-bir li kellu jibqa` komuni bejn iz-zewg fondi. Fis-sular ta` fuq, hemm kamra zghira li tigi fuq l-entrata u tlett kmamar ohra u l-bejt ta` fuq l-istess fond. Kull tieqa li hemm kellha tinzamm kif inhi, u l-ispejjez biex jinqasmu z-zewg fondi kellhom jinqasmu bin-nofs bejn l-attrici u l-ulied ta`

Michelina Zammit. Kien dikjarat illi d-decujus kienet taf li xi beni mertu tal-prelegati minnha ordnati kienu jappartjenu lill-komunjoni ta` l-akkwisti pero` hija ordnat li wara mewtha, il-fond 34 u 35 Church Square Mqabba ghandu jigi okkupat mill-attrici, u l-fond 36 mill-imsemmija neputijiet taghha. Il-fond 51, Hospital Alley, Mqabba kellu jigi okkupat minn uliedha l-ohra Anthony, Innocent, John u Saviour, sakemm issir il-qasma tal-bini taghha u ta` zewgha.

Fl-istess testment, ordnat li fir-rigward ta` l-ghelieqi, il-prelegatarji kellhom jiehdu il-wicc tar-raba` li jkun mizrugh u li jkunu qed jahdmu kull wiehed minnhom, u jcedu l-istess raba` lill-prelegatarju koncernat. Inoltre hadd minn uliedha u neputijiet ma kellu jfittex li jithallas wara mewtha ta` xi servigi li seta` ghamel, altrimenti jitlef il-prelegat lilu mholli u jiehu biss il-legittima.

**c) <u>It-tielet testment sigriet</u>**

**(3 ta` Mejju 1995)**

Fit-3 ta` Mejju 1995, Michelina Buhagiar ghamlet testment sigriet iehor (fol 21 et seq).

Hemm it-testatrici rega` tat deskrizzjoni ta` x`kellhom ikunu l-ambjenti li jikkostitwixxu l-fond 34/35 Church Square Mqabba. U kkonfermat dak li kienet ordnat fit-testment sigriet precedenti taghha. Fil-kaz ta` dan it-testment, ziedet li fil-kaz ta` premorjenza ta` uliedha Anthony, John, Innocent jew Saviour, il-prelegati kellhom imorru fuq l-ulied rispettivi jew id-dixxendenti taghhom.

Ikkonfermat it-testment taghha tal-1994.

**d) <u>L-assi ereditarji ta` Michelina Buhagiar</u>**

Diga` saret riferenza ghad-depoziti tal-bank li jappartjenu lill-wirt ta` Michelina Buhagiar.

Diga` saret ukoll riferenza ghad-dritt ta` qbiela tal-ghalqa msejha `Ta` Pace`.

Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li ghamlu l-eredi kollha ta` Michelina Buhagiar fl-14 ta` Dicembru 2000 (fol 38 et seq), jirrizulta li kien dikjarat li Michelina Buhagiar kienet propjetarja :-

tal-fond 34/35 Church Square Mqabba valutat fl-ammont ta` Lm4,000, liema fond kien dikjarat li huwa mikri ;

tal-fond 3, Church Square, Mqabba, valutat fl-ammont ta` Lm4,000, liema fond kien dikjarat li huwa mikri ;

¼ indiviz tal-fond 51, Hospital Alley, Mqabba, valutat fl-ammont ta` Lm2,500 ;

l-ghalqa maghrufa bhala Ta` Misrah ix-Xuffi, valutata fl-ammont ta` Lm3,000 ;

l-ghalqa maghrufa bhala Ta` Ligleg, valutata fl-ammont ta` tal-valur ta` Lm2,000 ;

l-ghalqa maghrufa bhala Ta` Indirjun, valutata fl-ammont ta` Lm4,500 ;

in-nofs indiviz tal-fond 34, Rengul, Triq il-Fjuri, Mqabba, li huwa mikri u ghandu valur ta` Lm600 ;

1/14 indiviz tal-ghalqa Ta` Ligleg tal-valur ta` Lm100 ;

1/7 indiviz tar-remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba, mikrija : valur ta` Lm100 ;

1/7 indiviz tal-fond llum mwaqqa` 19, Church Square, Mqabba : valur ta` Lm300, liema proprjeta` hija esproprjata.

Kien dikjarat illi din il-proprjeta` kienet akkwistata minn Joseph Buhagiar in parti qabel iz-zwieg, u in parti waqt iz-zwieg.

Id-dikjaranti rriservaw id-dritt li f`kull zmien jikkoregu id-dikjarazzjoni fil-kaz li jkunu okkorrew xi inezatezzi jew omissjoni, u li huma jidhlu responsabbli in solidum ghal kull taxxa eventwali li tista` tkun dovuta.

Kien indikat ukoll li l-att kien qed isir ghal ghan biss ta` hlas ta` taxxa u bl-ebda mod ma kellu jimporta l-accettazzjoni tal-wirt.

**e) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Dwar l-immobbli</u>** jigi rilevat hekk :-

i) Fir-rigward tar-raba` li thalliet bi prelegat lil Innocent, Saviour, Anthony u John Buhagiar, ossija r-raba` Ta` Misrah ix-Xuffi, l-ghalqa Ta` Ligleg u l-ghalqa Ta` Indirjun, kien hemm qbil li l-perit tekniku ma jaghtix stima ta` l-valur taghhom peress li kien dikjarat mit-testatrici li dawk il-prelegati ma kellhomx jidhlu fil-massa ereditarja. Il-prelegatarji ghandhom ghalhekk jigu immessi fil-pussess ta` l-prelegati.

ii) Dwar is-sehem ta` 1/14 indivizi mir-raba` Ta` Ligleg, Sqaq il-Baghal, Siggiewi, liema sehem il-perit tekniku stima fl-ammont ta` Lm321.43c, kien mibjugh bi qbil bejn il-partijiet ghall-prezz ta` €6,738. Hekk jirrizulta minn kuntratt tat-22 ta` Dicembru 2011 a fol 697 et seq fejn diversi nies inkluzi partijiet fil-kawza tal-lum bieghu lil Monte Kristo Vineyards Limited nofs indiviz tar-raba` maghrufa bhala `Ta` Safra` jew `Ta` Ligleg` tal-kejl intier ta` 1700 m.k. ghall-prezz ta` €75,621.44.

iii) Il-perit tekniku stima fl-ammont ta` Lm285.71c is-sehem ta` wiehed minn sebgha indiviz tar-remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba (li hija wkoll mikrija).

iv) Dwar l-1/7 indiviz tal-fond 19, Pjazza tal-Knisja, Mqabba, il-perit tekniku spjega li ma kellux dettalji dwar dan il-fond u dwar l-esproprjazzjoni li saret u ghalhekk ma setax jipprepara stima. Fir-rigward ta` din l-esproprjazzjoni, kienet prezentata cedola ta` depozitu mill-Kummissarju ta` l-Artijiet (Dok MPA a fol 280 et seq) li fiha qed jirrizulta li kienet depozitata s-somma ta` Lm5,159.00c bhala kumpens offrut ghall-fond kollu 19, Pjazza tal-Knisja, Mqabba, u Lm3,159 bhala danni. Ghalhekk, abbazi ta` dak id-dokument, sehem il-kontendenti jammonta Lm737 u cioe` Lm5,159 diviz b`sebgha (7).

v) Dwar in-nofs indiviz tal-fond 34, `Rengul`, Triq il-Fjuri, Mqabba, il-perit tekniku stima l-post hekk kif inhu mikri fl-ammont ta` Lm5,500.

vi) Dwar il-fond 51, Sqaq l-Isptar, Mqabba, Malta, il-perit tekniku ta stima fl-ammont ta` Lm22,000. Ghalhekk il-¼ indiviz ta` din is-somma fl-ammont ta` LM5,500 huwa l-valur ta` sehem Michelina Buhagiar minn dik il-proprjeta`.

vii) Dwar il-fond illum 25 (gia 36) Church Square, Mqabba, il-perit tekniku ghamel stima ta` l-post hekk kif kien mikri fl-1999 fil-valur ta` Lm12,000.

viii) Dwar il-fond illum 23 u 24 (gia 34 u 35) Church Square, Mqabba, il-perit tekniku rrelata li l-maggor parti ta` l-benefikati li saru kienu fil-fond bin-numru 23/24 aktar milli fil-fond 25 (pagna 13 tar-rapport a fol 156). Il-perit tekniku ta stima ta` l-post hekk kif kien mikri fl-1999 (ossija meta mietet it-testatrici) fil-valur ta` Lm23,000. In kontroezami, il-perit tekniku kkonferma li l-fond 23 u 24 gie stmat aktar mill-fond l-iehor ghax kien fi stat ahjar. Il-Qorti tifhem li dan il-fond kien fi stat ahjar peress li kienu saru dawn il-benefikati fih.

Jigi rilevat ukoll li t-testatrici halliet prelegat lill-attrici fl-ammont ta` Lm400 ; kif ukoll l-attrici thalliet l-oggetti kollha mobbli li kien hemm mill-ghatba `l gewwa fil-fond llum 25, Church Square, Mqabba.

Il-Qorti tordna l-immissjoni fil-pussess tal-attrici ta` dawn iz-zewg legati mill-eredi l-ohra.

Il-Qorti tqis li l-prelegat li fih ghandha tkun immessa l-attrici ghandu jkun tal-proprjeta` hekk kif mmarkata fil-pjanti maghmula mill-perit tekniku (Dok AS 1) liema pjanta tirrefletti d-deskrizzjoni moghtija mit-testatrici ta` x` ghandu jikkomprendu l-postijiet ta` Church Square, Imqabba.

**<u>Dwar il-benefikati</u>** li allegatament saru mill-attrici, il-Qorti tghid hekk :-

L-attrici ressqet provi ta` varji benefikati. Ghamlet lista shiha li hija ezebit a fol 101 tal-process. L-ammont taghhom igibu l-figura ta` Lm8081.92c . Hemm dizgwid dwar min hallas ghall-ispejjez ta` r-restawr tal-faccata peress li giet ezebita rcevuta Dok JB1 (a fol 375) li fiha hemm imnizzel li dan thallas minn Michelina Buhagiar. Madanakollu, l-attrici ghamlitha cara li ommha kienet hallset biss nofs l-ispejjez peress li hija hallset in-nofs l-iehor amomontanti ghal Lm360 hekk kif jirrizulta mill-ircevuta ezebita minnha a fol 488. Minn ezami ta` l-ircevuti, jirrizulta li r-ricevuti harighom il-kuntrattur ; jirrizulta li verament ix-xoghol thallas hekk kif sostniet l-attrici, ossija s-somma ta` Lm360 minnha u s-somma ta` Lm360 minn ommha. Dan huwa rifless ukoll fil-lista ezebita a fol 101, fejn l-attrici nizzlet biss li hallset Lm360 u mhux Lm720 (li huwa l-ammont globali ta` kemm gie jiswa ix-xoghol liema ammont shih huwa kkonfermat mill-invoices ezebiti a fol 486 u 487). Fix-xiehda taghhom, whud mill-konvenuti nsistew li x-xogholijiet saru biex il-post ikun aktar komdu u mhux ghax kienu bzonnjuzi.

Il-Qorti tirrileva li fit-talbiet li ghandha quddiemha l-Qorti ma ghandhiex talba sabiex isir kumpens tal-benefikati li ghamlet l-attrici fil-post. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti decizjoni dwar jekk l-attrici ghandhiex dritt tithallas ghal dawk il-benefikati nkella le. Il-Qorti izda zzid tghid li minn evalwazzjoni tax-xiehda migbura, irrizulta li l-genituri tal-attrici kienu jafu li qed isiru dawk ix-xogholijiet tant li rrikonoxxew fit-testmenti taghhom li binthom l-attrici kienet qeghda taghmel tali xogholijiet, kif ukoll li Michelina Buhagiar hallset anke nofs

spejjez ta` xoghol partikolari ta` r-restawr tal-faccata. Il-Qorti hija sodisfatta li b`dawk ix-xogholijiet, il-valur tal-post gie awmentat, u li fil-valur li ta l-perit tekniku fir-rigward tal-fond bin-numri llum 23-24 Church Square, Mqabba, kien hemm inkluz il-valur ta` l-benefikati. Li kieku ma sarux dawk il-benefikati, il-valur stmat kien ikun inqas.

Il-Qorti hija tal-fehma li in vista tal-fatt li l-attrici thalliet is-somma ta` Lm200 minn missierha u s-somma ta` Lm400 minn ommha, din il-Qorti thoss li t-total ta` Lm8,081.92c rapprezentanti spejjez imhallsa ghandu jitnaqqas biex jirrifletti dan u ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li Lm7,481.92c ghandha tigi mnaqqsa mit-total tal-valur moghti mill-perit tekniku fir-rigward tal-fond illum 23-24, Church Square, Mqabba.

Fin-noti ta` sottomissjonijiet taghhom, uhud mill-konvenuti qajjmu l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta` **<u>Art 2156(f) tal-Kap 16</u>** fir-rigward tal-pretensjoni ta` l-attrici ghall-hlas ta` dawn il-benefikati.

Din il-Qorti sejra twarrab bhala **<u>legalment inammissibbli</u>** sottomissjoni ta` din ix-xorta ghaliex eccezzjoni ta` preskrizzjoni – hi x`hini – la tista` titqajjem *ex officio* – u lanqas permezz ta` nota ta` sottomissjonijiet. Eccezzjoni ta` preskrizzjoni trid tigi sollevata formalment f`nota ta` eccezzjonijiet. Dan huwa in linea ma` dak li nghad fil-kawza "**<u>The Cargo Handling Co Ltd vs John Abela Ltd</u>**" li kienet deciza mill-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-7 ta` Lulju 2003. Fil-kaz tal-lum, il-konvenuti ma eccepew l-ebda preskrizzjoni fl-eccezzjonijiet taghhom. Eccezzjoni ta` preskrizzjoni li ma tinghatax formalment qisha mhijiex quddiem il-Qorti, u l-Qorti mhijiex tenuta tiddecidiha. Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li din il-Qorti (**<u>PA/AJM</u>**) tat fl-4 ta` Ottubru 2002 fil-kawza "**<u>George Grech vs Maria Grech Mario et</u>**"

F`ohra min-noti ta` sottomissjonijiet kien sollevat il-punt illi x-xogholijiet li ghamlet l-attrici kienu xogholijiet ta` finishing u ta` manutenzjoni, li ghalhekk kienu responsabbilita` ta` l-inkwilin. Din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni peress li fil-kawza ma hemmx talba ghall-hlas ta` benefikati. Il-kwistjoni tal-benefikati tirrigwarda biss il-valur tal-fond bil-benefikati.

Dwar il-legat tad-dar mholli lill-attrici, jrid jigi deciz jekk il-legat huwiex ser jkun ghas-saldu jew akkont ta` sehemha mill-wirt, peress li fid-disposizzjoni taghha, it-testatrici nizzlet li dak il-fond kellu jinghata lill-attrici bi prelegat akkont jew ghas-sald ta` sehemha bi stima ta` perit, liema stima ghandha tidhol fil-massa ereditarja.

Il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kawza tal-lum kien ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi l-fond de quo kien mikri validament ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lir-ragel tal-attrici. L-iskrittura tal-kera li saret fil-11 ta` Frar 1986 (ara fol 81 tal-process) tindika li Joseph Buhagiar kien deher fuq dan l-att bhala kap tal-komunjoni ta` l-akkwisti u bhala amministratur tal-beni parafernali ta` martu. Hekk kellu kull dritt u obbligu jaghmel ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. F`dik il-kapacita` Joseph Buhagiar ta b`lokazzjoni lil Carmelo Portelli (ir-ragel tal-attrici) il-fondi 34, 35 u 36, Church Square, Mqabba, ghal zmien ta` 15-il sena, versu l-kera ta` Lm50 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem. Carmelo Portelli kien diga` mizzewweg lill-attrici dak iz-zmien u kif kienet il-ligi dak iz-zmien kien ukoll (bhal Joseph Buhagiar) kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta` martu, bint l-istess Joseph Buhagiar. Il-kera saret bil-kundizzjoni li Portelli jzomm il-post mikri fi stat tajjeb ta` manutenzjoni u b`riserva li huwa jibqa ` jghix f`dan il-fond flimkien ma` martu minghajr l-ebda hlas. Fil-kitba tnizzel li l-kerrej kien ghamel benefikati fl-ammont ta` Lm1,000, bil-kunsens u bl-approvazzjoni ta` l-lokatur. Carmelo Portelli kkonferma li kienu Michelina u Joseph Buhagiar li nkarigawh immur ghand in-nutar biex issir din il-kirja. Ma kien hemm xejn illegali kif kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien li jidher ir-ragel bhala amministratur tal-beni parafernali ta` martu.

Kienu ezebiti serje ta` ricevuti a fol 83 et seq tal-process liema ricevuti jidher li kienu ffirmati minn Joseph Buhagiar. L-ahhar wahda minnhom iggib id-data tal-5 ta` Dicembru 1992 (fol 92). Kienu esebitia wkoll cedoli ta` depozitu li pprezenta Carmelo Portelli kontra Michelina Buhagiar f`Awissu 1993 (fol 484), f`Jannar 1994 (fol 482), f`Gunju 1994 (fol 480), f`Dicembru 1995 (fol 478) u f`Novembru 1999 (fol 476). Kienu esebiti cedoli ta` depozitu li kienu prezentati kontra l-eredi ta` Joseph u Michelina Buhagiar : dik ta` Marzu 2001 a fol 283, ta` Jannar 2002 a fol 287, ta` Jannar 2003 a fol 291, ta` Dicembru 2003 a fol 296 u ta` Ottubru 2004 a fol 93 u a fol 301. Kienu prezentati wkoll kontijiet tad-dawl u tal-ilma mnejn jirrizulta li fis-snin 1986 u 1987, il-kont kien jinhareg f`isem Carmelo Portelli (fol 489 et seq).

Il-Qorti hija konxja tax-xiehda li nghatat minn uhud mill-konvenuti (mhux mill-konvenuti Zammit) li qalu li huma ma kinux jafu bil-kirja u li ommhom lanqas ma kienet taf bil-kirja ghaliex qatt ma qaltilhom biha. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici ressqet bizzejjed provi sodisfacenti li juru li verament kien hemm din il-kirja ghaddejja u f`dak li tghid l-attrici hija konfortata mix-xiehda ta` l-konvenut John Zammit li kellu l-interess kollu li ma jikkorraborax dak li qalet l-attrici ladarba lilu u lil hutu thalla l-legat tal-fond 36. Il-Qorti taghti affidament qawwi lix-xiehda ta` John Zammit b`kuntrast b`dak li xehdu z-zijiet tieghu li huma konvenuti fil-kawza. Il-Qorti tirrileva li x-xiehda tal-konvenuti ahwa Buhagiar ma kinitx univoka fis-sens li kien hemm varji diskrepanzi fiha. Inoltre, ma hemm l-ebda paragun bejn il-hidma ta` kuljum li ghamlet l-attrici ghall-beneficcju tal-genituri u dik li ghamlu l-konvenuti ahwa Buhagiar. Dawn baqghu ghaddejjin bil-hajja taghhom ta` kuljum li kienet tinvolvi xoghol full time b`hinijiet twal ; kuntrarjament ghall-attrici li huwa ppruvat anke minghajr disapprovazzjoni da parti ta` hutha l-konvenuti li x-"xoghol" full time taghha kien li tiehu hsieb tal-genituri taghha, apparti li tindokra lill-familja taghha. Il-Qorti lanqas ma taraha bi kbira li Michelina Buhagiar ma tghid xejn dwar din il-kirja lil uliedha s-subien, partikolarment wara li miet zewgha. Il-fatt li wara l-mewt ta` zewgha Michelina Buhagiar ghamlet tliet testmenti sigrieti jixhed id-diffidenza taghha li waqt hajjitha tikxef dak li riedet li jsir wara mewtha. Anzi l-kontenut tat-testmenti sigrieti jixhed id-determinazzjoni taghha li taccerta ruhha anke fid-dettall li l-laxxiti taghha kienu ser jkunu cari u inekwivoci. Mhux kontestat illi l-attrici dejjem ghexet fil-post sa minn mindu twieldet u li l-istess konvenuti fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ezebita a fol 38 et seq, nizzluh minghajr l-icken dubju ta` xejn bhala post mikri. Qal li qalu meta xehdu ma naqqas propju xejn mis-

sahha ta` dak li nkiteb fil-*causa mortis*. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li kien hemm kirja valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Dwar liema stima trid tinghata ghal proprjeta` li tirrizulta mikrija, din il-Qorti hija konxja minn varja gurisprudenza fejn inghad li l-istima li ghandha tintuza hija dik li tirrifletti l-ezistenza tal-kirja vigenti. Kaz simili fejn giet deciza kwistjoni bhal dik in ezami kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/LFS**) tas-26 ta` Ottubru 2011 fil-kawza "**Nicholas Scicluna et vs Nicholas Bonello et"** fejn inghad hekk :-

*"Illi ghalkemm l-argument ta` l-atturi huwa ferm interessanti u forsi jwassal ghal aktar ekwita`, ma jsibx is-support mil-ligijiet taghna. Huwa veru li min ghandu titolu ta` inkwilinat u ser jigi assenjat dik l-art li tinsab imqabbla ghandu hajiggwadanja ferm aktar, izda dan huwa rizultat tal-ligijiet tal-kera u din il-Qorti m`ghandha ebda kontroll dwar dan laspett. L-art ghandha l-valur li ghandha, u l-valur li ghandha jekk suggetta ghal inkwilinat huwa naturalment ferm anqas minn dak kieku minghajr inkwilinat, u dan johrog car ukoll mill-istimi fir-rapport peritali. Il-valur huwa dak kif l-artijiet huma suggetti ghall-kirja u mhux iehor, u kien inutli li wiehed joqghod jaghmel stima ta` l-art minghajr it-titolu ta` inkwilinat. L-atturi stess anqas jikkontestaw it-titolu ta` inkwilinat kif jidher car mill-kwotazzjonijiet hawn fuq li l-Qorti ghamlet bl-iskop specifiku li jemergi dan il-fattur ferm u ferm importanti. Per altro, ma jidhirx li dan il-principju mitlub mir-rikorrenti gie xi darba ohra applikat mill-Qrati Maltin, bil-mod kif espost mill-istess atturi."*

Din il-Qorti sejra tqis li l-valur ta` d-dar 34/35, Church Square, Mqabba, kellu jkun ta` Lm23,000 hekk kif stmat mill-perit tekniku bhala post mhux bil-pussess vakant izda b`kirja vigenti. Il-Qorti taghmilha cara li fid-dawl ta` dak li ntqal aktar `il fuq, il-valur ta` din il-proprjeta` ghandha tkun Lm15,518.78c (u cioe` Lm23,000 – Lm7,481.22c) .

**f) <u>Qasma tal-wirt ta` Michelina Buhagiar</u>**

Il-Qorti tghid illi l-valur ta` l-assi ta` Michelina Buhagiar huma dawn :-

1) Id-depoziti bankarji jammontaw ghal €20,754.52. Minnhom trid tithallas is-somma ta` €913.75 (i.e. Lm400) bhala prelegat lill-attrici.

2) €6,738.00 : valur ta` 1/14 indiviz ta` ghalqa Ta` Ligleg li nbieghet bi qbil bejn il-kompropjetarji ;

3) €12,811.55 : valur ta` ¼ indiviz ta` 51, Hospital Alley, Mqabba ;

4) €665.53 : valur ta` 1/7 indiviz ta` remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba;

5) €1,716.75 : valur ta` 1/7 indiviz tal-fond 19, Church Square, Mqabba ;

6) €12,811.55 : valur ta` ½ indiviz tal-fond 34, Rengul, Triq il-Fjuri, Mqabba ;

7) €27,952.48c : valur ta` 36, Church Square, Mqabba ;

8) €36,149.03c : valur ta` 34 u 35 Church Square, Mqabba.

It-total fi flus tal-assi ta` Michelina Buhagiar jammontaw ghal €118, 685.66. Sitta huma l-eredi u ghalhekk il-qasma trid issir b`sitta. Li jfisser li kull eredi (bl-eccezzjoni ta` ulied Michelina Zammit li jiehdu flimkien) iridu jiehdu bhala wirt valur ta` €19,780.94. Skond dawn il-valuri, il-prelegat tad-djar li hadu l-attrici u wlied Michelina Zammit huwa ghas-saldu ta` sehemhom mill-wirt.

Il-Qorti sejra tordna li l-attrici tigi immessa fil-pussess tal-legat tal-fond 23 u 24 (qabel 34 u 35) Church Square, Mqabba ghas-saldu ta` sehemha.

Il-Qorti sejra tordna li ulied il-mejta Michelina Zammit jigu mmessi fil-pussess tal-legat tal-fond bin-numru 25 (qabel 36) Church Square, Mqabba ghas-saldu ta` sehemhom.

Il-Qorti sejra tordna l-bejgh b`licitazzjoni tal-1/7 indiviz ta` remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba, u tan-nofs indiviz tal-fond 34, Rengul, Triq il-Fjuri, Mqabba, stante li dawn mhumiex komodament divizibbli.

Il-konvenuti l-ohra ghandhom jircievu :-

€19,840.77 li huwa l-bilanc tad-deposiziti tal-banek ;

€6,738 bhala valur ta` 1/14 indiviz ta` ghalqa Ta` Legleg li nbieghet ;

€12,811.55 bhala l-valur ta` ¼ indiviz ta` 51, Hospital Alley, Mqabba jew ir-rikavat mil-licitazzjoni ;

€665.53 bhala l-valur ta` 1/7 indiviz ta` remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba jew ir-rikavat mil-licitazzjoni ;

€1,716.75 bhala l-valur ta` 1/7 indiviz tal-fond 19, Church Square, Mqabba ;

€12,811.55 bhala l-valur ta` ½ indiviz ta` 34, Rengul, Sqaq Nru 5, Triq il-Fjuri, Mqabba jew ir-rikavat mil-licitazzjoni.

Il-Qorti sejra tordna wkoll li ladarba r-rikavat mil-licitazzjoni tal-proprjetajiet li ser jinbieghu eskluza l-fond 51, Hospital Alley, Mqabba mhux ser ikollha sehem minnu l-attrici, f`tali licitazzjoni in linea ma` dak rikjest fin-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Buhagiar, ma jkunux ammessi oblaturi estranei. Fir-rigward tal-bejgh b`licitazzjoni tal-fond 51, Hospital Alley, Mqabba, ladarba l-attrici qeghda tinsisti fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha li jigu ammessi oblaturi estranei fil-licitazzjoni, il-Qorti sejra tawtorizza l-ammissjoni ta` oblaturi estranei fil-licitazzjoni tal-fond 51, Hospital Alley, Mqabba.

Jifdal l-ghalqa Ta` Pace.

Dwar l-ghalqa ta` Pace, il-perit tekniku ma setax jaghti valur peress li ma nghata l-ebda dettalji dwar il-kirja u t-termini taghha. Fuq din ir-raba` Ta` Pace, Vincent Buhagiar ipprezenta sett ricevuti a fol 191 et seq li fihom huwa gie ndikat li qed ihallas il-qbiela. Il-Qorti tinnota li fl-ewwel rcevuta mmarkata bhala Dok VB1 hemm imnizzel li din l-ghalqa kienet gia` mqabbla lil Joseph Buhagiar. Giet ezebita wkoll skrittura a fol 583 li saret bejn Innocent Buhagaiar u Saviour Buhagiar fejn gie dikjarat li tal-ewwel jirrikonoxxi li t-tieni jahdem parti minn din l-ghalqa flimkien mieghu, u li t-tieni ghandu drittijiet ta` qbiela flimkien mieghu fuq din l-ghalqa, liema qbiela tithallas lill-familja Said Pullicino.

Il-Qorti terga` taghmel referenza ghad-disposizzjoni testamentarja tat-testatrici fejn ordnat li t-titolu ta` lokazzjoni li ghandha ta` l-ghalqa maghrufa bhala Ta` Pace u li taghha thallas qbiela lill-familja Said Pullicino, ghandu jghaddi fuq Innocent, Saviour u Anthony, b`dan li tal-ewwel ghandu jahdem il-bicca mmarkata bl-ittra A u b`kulur ahmar ; it-tieni jahdem il-bicca mmarkata bl-ittra B u b`kulur ikhal ; u t-tielet jahdem il-bicca mmarkata bl-ittra C u b`kulur isfar, kif muri fl-iskizz anness ma` dan it-testment. Spjegat ukoll li l-bini li hemm u l-bir kellhom jigu uzati mit-tlett ulied u l-qbiela kellha tithallas bejniethom fuq ircevuta wahda. Hija ordnat li jekk xi wiehed minn dawn it-tlett ulied ma joqghodx ghal din ix-xewqa huwa jitlef id-dritt li jidhol f`din l-ghalqa u jiddekadi awtomatikament bhala werriet taghha fuq din l-ghalqa. Hija ddikjarat li ghalkemm taf li din il-lokazzjoni hija tal-komunjoni ta` l-akkwisti u sehemha huwa nofsha, hija ordnat li dan jghaddi lill-imsemmija. Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tattwa x-xewqa tat-testatrici fis-sens li ladarba tqajmu pretensjonijiet minn Innocent u Saviour Buhagiar fejn fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom sostnew li Anthony ma ghandux x` jaqsam ma` din ir-raba` u qatt ma hadimha. Il-Qorti hija tal-fehma li skond ix-xewqat tat-testatrici, min ma kienx ser joqghod ghal din ix-xewqa taghha, kellu jitlef id-dritt li jidhol f`din il-ghalqa u jiddekadi awtomatikament bhala werriet taghha fuq din l-ghalqa. Ghalhekk il-Qorti sejra tordna li t-titolu ta` lokazzjoni ta` din l-ghalqa jghaddi a favur ta` Anthony Buhagiar u wara l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza fuq Jane Farrugia.

Finalment il-Qorti tirrileva li fir-rigward tal-kap tal-ispejjez tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li, in vista tal-provi li ngabru, partikolarment dwar valuri tal-legati mhollija lill-kontendenti li gew anke indikati permezz ta` diversi kuntratti ezebiti fil-mori ta` din il-kawza, kif ukoll in vista tal-konflitti fix-xiehda tal-kontendenti, liema konflitti certament din il-Qorti ma tqisx xierqa, partikolarment meta gabet pika u attrit bla bzonn bejn ahwa jew familjari, l-ispejjez ta` din il-kawza ghandhom jigu sopportati bejn il-kontendenti fir-rata ta` wiehed minn sitta mill-attrici Maria Assunta Portelli ; wiehed minn sitta mill-konvenuta Jane Farrugia ; wiehed minn sitta mill-konvenut Innocent Buhagiar ; wiehed minn sitta minn Saviour Buhagiar ; wiehed minn sitta minn John Buhagiar ; u wiehed minn sitta mill-ulied tal-mejta Michelina Zammit.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tordna l-hlas u l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati li thallew mill-mejtin Joseph u Michelina konjugi Buhagiar : (1) il-prelegat mholli lill-attrici mid-decujus Joseph Buhagiar konsistenti fi hlas tal-ammont ta` erba` mija hamsa u sittin Ewro tmienja u sebghin centezmu (€465.78) ; u (2) il-prelegat imholli lill-attrici mid-decujus Joseph Buhagiar u minn martu d-decujus Michelina Buhagiar konsistenti fl-oggetti u s-sostanzi kollha mobbli sitwati fil-fondi llum 23, 24 u 25 (qabel 34, 35 u 36) Church Square, Imqabba, hekk kif ahjar deskritti fit-testmenti tal-imsemmija konjugi Joseph u Michelina Buhagiar.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida l-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Michelina Buhagiar bhala konsistenti minn flus fil-banek ammontanti ghal total ta` wiehed u erbghin elf hames mija u disa` Ewro u tliet centezmi (€41,509.03) u fin-nofs indiviz tal-fond 51, Hospital Alley, Mqabba.**

**Tilqa` t-tielet talba.**

**Riferibbilment ghar-raba` u ghas-sitt talbiet, tiddikjara li l-bilanc bejn nofs l-ammont tal-flus tal-banek, u cioe` is-somma ta` ghoxrin elf seba` mija erbgha u hamsin Ewro tnejn u hamsin centezmi (€20,754.52) u l-legat ta` €465.78 fuq riferit skond l-ewwel talba, li jgib il-figura ta` ghoxrin elf mitejn tmienja u tmenin Ewro erbgha u sebghin centezmu (€20,288.74), ghandu jinqasam bejn sitta sabiex wiehed minn kull sitta tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; 4) John Buhagiar ; 5) l-attrici u 6) John Zammit, Joseph Zammit u Ronald Zammit flimkien.**

**Tilqa` t-tmien talba.**

**Riferibbilment ghar-raba` u ghas-sitt talbiet, tiddikjara li l-fond 51, Hospital Alley, Mqabba, mhuwiex komodament divizibbli, u ghalhekk ghandu jinbiegh b`licitazzjoni. Ghall-fini ta` valutazzjoni tal-immobbli, dan ghandu jibda bil-prezz skont l-istima moghtija mill-perit tekniku hekk kif jirrizulta mir-relazzjoni tieghu li taghmel parti mill-atti ta` din il-kawza. Tordna li ghall-bejgh jigu ammessi oblaturi estranei. Tordna li mir-rikavat tal-bejgh, in kwantu ghal tliet kwarti minnu, dan ghandu jinqasam bejn sitta sabiex wiehed minn kull sitta tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; 4) John Buhagiar ; 5) l-attrici u 6) John Zammit, Joseph Zammit u Ronald Zammit flimkien ; mentri r-rimananti kwart ghandu jinqasam bejn erbgha sabiex wiehed minn kull erbgha tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; u 4) John Buhagiar.**

**Riferibbilment ghall-hames talba, tiddikjara li l-assi tal-mejta Michelina Buhagiar, armla ta` Joseph, jikkonsistu : 1) mis-somma ta` ghoxrin elf seba` mija erbgha u hamsin Ewro tnejn u hamsin centezmu (€20,754.52) li hija nofs l-ammont ta` €41,509.03 fuq riferit ; 2) mill-kwart indiviz tal-fond 51, Hospital Alley, Mqabba ; 3) minn wiehed minn erbatax-il sehem indiviz (1/14) tal-ghalqa Ta` Ligleg sitwata fil-limiti**

**tas-Siggiewi/Mqabba ; 4) wiehed minn seba` (1/7) indiviz tar-remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba ; 5) wiehed minn sebgha (1/7) indiviz tal-fond 19, Church Square, Mqabba ; 6) nofs indiviz (1/2) tal-fond 34, Rengul, Triq il-Fjuri, Mqabba ; 7) il-post illum 25 (qabel 36) Church Square, Mqabba ; 8) porzjon raba` maghrufa bhala `Ta` Misrah ix-Xuffi` ; 9) porzjon raba` ohra maghrufa bhala `Ta` Indirjun` ; 10) porzjon raba` ohra minn dik maghrufa bhala `Ta` Ligleg` ; u 11) il-post illum Nru 23-24 (qabel 34 u 35) Church Square, Mqabba. Tiddikjara li l-qbiela tar-raba` Ta` Pace ghaddiet l-istess Michelina Buhagiar wara mewt zewgha.**

**Tordna li a favur tal-konvenut Innocent Buhagiar issir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat mholli minn Michelina Buhagiar lill-istess Innocent Buhagiar konsistenti mill-ghalqa maghrufa bhala `Ta` Misrah ix-Xuffi` tal-kejl ta` cirka tlett itmiem, hekk kif inhi ahjar deskritta fit-testment sigriet a fol 12 et seq tal-process.**

**Tordna li a favur tal-konvenuta Jane Farrugia u a favur tal-konvenut John Buhagiar issir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat mholli minn Michelina Buhagiar lil Anthony Buhagiar illum mejjet, u lill-istess John Buhagiar ta` l-ghalqa maghrufa bhala `Ta` Indirjun` tal-kejl ta` cirka erbat itmiem u nofs, hekk kif inhi ahjar deskritta fit-testment sigriet a fol 12 et seq tal-process.**

**Tiddikjara li mhijiex sejra timmitti lill-konvenut Saviour Buhagiar fil-pussess tal-prelegat mholli minn Michelina Buhagiar lill-istess Saviour Buhagiar ta` porzjon mir-raba` maghrufa bhala `Ta` Ligleg` billi dak il-porzjon raba` nbiegh lil terzi.**

**Tordna li a favur tal-konvenuta Jane Farrugia ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat imholli minn Michelina Buhagiar lil Anthony**

**Buhagiar illum mejjet tal-intier tal-qbiela ta` l-ghalqa `Ta` Pace` ta` cirka sebat itmiem.**

**Tordna li a favur tal-attrici ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat imholli minn Michelina Buhagiar lill-istess attrici tal-fond illum 23-24 (qabel Nru 34-35) Church Square, Mqabba, il-konfigurazzjoni ta` liema dar giet stabbilita mill-perit tekniku fid-Dok AS 1 u dana ghas-saldu ta` sehemha mill-wirt ta` ommha Michelina Buhagiar.**

**Tordna li a favur tal-konvenuti John Zammit, Joseph Zammit u Ronald Zammit flimkien issir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat mholli minn Michelina Buhagiar lill-istess ahwa Zammit bhala ulied il-mejta Michelina Zammit tal-fond illum 25 (qabel 36) Church Square, Mqabba, il-konfigurazzjoni ta` liema dar giet stabbilita mill-perit tekniku u dana ghas-saldu ta` sehemhom mill-wirt tan-nanna materna taghhom Michelina Buhagiar.**

**Tordna l-bejgh b`licitazzjoni tal-wiehed minn sebgha (1/7) indiviz ta` remissa 35, Triq il-Fjuri, Mqabba, kif ukoll tan-nofs indiviz (1/2) tal-fond 34, Rengul, Triq il-Fjuri, Mqabba. Tordna li r-rikavat tal-bejgh ghandu jinqasam bejn erbgha sabiex wiehed minn kull erbgha tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; u 4) John Buhagiar.**

**Tordna li r-rikavat tas-sehem mill-bejgh li diga` sar ta` wiehed minn erbatax-il sehem indiviz tar-raba` Ta` Ligleg, Sqaq il-Baghal, Siggiewi, ammontanti ghal sitt elef seba` mija tmienja u tletin Ewro (€6738), ghandu jinqasam bejn erbgha sabiex wiehed minn kull erbgha tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; u 4) John Buhagiar.**

**Tordna li s-sehem ta` elf seba` mija u sittax-il Ewro hamsa u sebghin centezmu (€1,716.75) rapprezentanti flus depozitati mill-Kummissarju ta` l-Artijiet ghar-rigward ta` wiehed minn seba` (1/7) indivizi tal-fond 19, Pjazza tal-Knisja, Mqabba, ghandu jinqasam bejn erbgha sabiex wiehed minn kull erbgha tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; u 4) John Buhagiar.**

**Tordna l-hlas u l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat ta` flus imholli lill-attrici minn ommha Michelina Buhagiar fl-ammont ta` disa` mija wiehed u tletin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€931.75).**

**Tordna li mill-flus appartenenti lil Michelina Buhagiar u li qeghdin depozitati f`kontijiet bankarji ammontanti ghal ghoxrin elf seba` mija erbgha u hamsin Ewro tnejn u hamsin centezmu (€20,754.52) wara li titnaqqas is-somma fuq riferita ta` €931.75, ir-rimanenti bilanc ta` dsatax-il elf tmien mija tnejn u ghoxrin Ewro sebgha u sebghin centezmu (€19,822.77) ghandu jinqasam bejn erbgha sabiex wiehed minn kull erbgha tal-ammont jithallas u jigi assenjat lil : 1) Jane Farrugia ; 2) Innocent Buhagiar ; 3) Saviour Buhagiar ; u 4) John Buhagiar.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` talba.**

**Riferibbilment ghad-disa` talba, tinnomina lin-Nutar Dottor Daniela Mercieca sabiex tippubblika l-atti kollha relatati mas-sentenza tal-lum inkluzi l-atti relattivi ghall-immissjoni fil-pussess tal-prelegati kollha fuq riferiti. Tappunta d-data ta` nhar il-Hamis 31 ta` Lulju 2014 fil-11.00a.m. fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, biex issir**

**pubblikazzjoni tal-atti kollha. Tahtar lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici bhala kuratrici sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza – kollox inkluz u xejn eskluz – ghandhom jithallsu ndaqs mill-partijiet kollha fil-kawza tal-lum billi wiehed minn kull sitta ta` l-ispejjez jithallsu : 1) mill-attrici 2) mill-konvenuta Jane Farrugia 3) mill-konvenut Innocent Buhagiar 4) mill-konvenut Saviour Buhagiar 5) mill-konvenut John Buhagiar u 6) mill-konvenuti John Zammit, Joseph Zammit u Ronald Zammit flimkien.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------